UNI MELITENSIS MAIN LIBRARY

# L-IMNARA



GĦAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR

2001

Vol. 6 Nru. 4 Ħarġa Nru. 25

# L - IMNARA

**Vol. 6 Numru 4** **Harġa Numru 25**

**2001**

**WERREJ**

| | | |
|---|---|---|
| HĠEJJEĠ TA' S. ĠWANN FI QUEBEC . . . | Angelo Dougall | 122 |
| IL-FRATELLANZA TAL-KARITA' | Lorenzo Zahra | 128 |
| FOLKLOR FIL-FILATELIJA | J.F.Porsella-Flores | 130 |
| IL-VENERANDA LAMPADA F'ĦAŻ-ŻEBBUĠ | Guido Lanfranco | 133 |
| MOGĦOŻ U NAGĦAĠ; VOKABULARJU | Ġużi Gatt | 138 |
| IL-FANAL TA' DELLIMARA | Angelo Dougall | 142 |
| VIA SAGRA VERSATA | Mary Haber | 144 |
| MYSTERIOUS ROCK-SURFACE PANS | Guido Lanfranco | 147 |
| CRICKET'S CAGE (DIAGRAM) | Angelo Dougall | 149 |
| XOGĦOLIJIET TA' DAN L-AĦĦAR MINN MEMBRI TA' L-GĦAQDA | | 150 |
| LISTA TA' MEMBRI EFFETTIVI GĦAS-SENA 2001 | | 154 |
| STATUT TA' L-GĦAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR | | 158 |

Bullettin ta' L-Għaqda Maltija tal-Folklor. Joħroġ darba fis-sena. L-opinjonijiet li jidhru hawn m'humiex neċessarjament dawk ta' L-Għaqda jew ta' l-Editur, jekk ma jkunx hekk speċifikat.

Indirizz ta' l-Editur: 78, Triq San Trofimu, Tas-Sliema, SLM 02

## IL-ĦĠEJJEĠ TA' SAN ĠWANN FI QUEBEC, IL-KANADA, U TIXBIħ MAT-TRADIZZJONI TA' MALTA

**Angelo Dougall**

Meta wieħed ikun jinsab f'art barranija, l-aktar bħala emigrant, bilkemm ikun irid jemmen kif jiltaqa' ma' xi tradizzjoni folkloristika li tixbaħ xi waħda mit-tradizzjonijiet ta' pajjiżna. Tibqa' sorpriża tassew għalih!

Fil-Provinċja ta' Quebec, ġol-Kanada, in-nies jitkellmu bil-Franċiż u huma kattoliċi. F'dan il-pajjiż isiru l-Ħġejjeġ ta' San Ġwann il-Battista li jitqabbdu f'lejlet il-festa ta' dan il-qaddis, sewwasew bħalma jsiru f'Malta. Biss, id-differenza hi, li f'Malta daż-żmien din it-tradizzjoni kważi spiċċat fix-xejn, waqt li fi Quebec, u kull fejn hemm komunitajiet Franċiżi ġol-Kanada, speċjalment f'Ontario, din it-tradizzjoni tabilħaqq għadha qawwija. Baqgħu jgħożżuha, u saret WIRT NAZZJONALI. Il-qaddis tal-provinċja ta' Quebec hu San Ġwann il-Battista, u l-jum tal-24 ta' Ġunju huwa festa pubblika tal-Provinċja ta' Quebec: Jum Quebec.

**Il-Kavallieri fi Quebec** Il-Provinċja ta' Quebec hija art ta' medda enormi u mifruxa; insibu fiha xmajjar, għadajjar u kaskati bla tarf, oqsma u għelieqi tabilħaqq kbar. Daqs tlitt mitt sena ilu bdew isejħulha NOUVELLE FRANCE. (Franza Ġdida). Imma wieħed jibqa' misagħġeb meta jsir jaf li dan il-pajjiż kbir kellu gvernaturi u *seigneurs* xi kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann (L-Ordni ta' Malta). Infatti, fiċ-ċittadella tal-belt ta' Quebec, il-belt kapitali ta' din il-provinċja, insibu plakka ta' l-irħam, bi skrizzjoni. Din qiegħda fil-bitħa ewlenija u d-daħla tal-*hotel* kolossali, il-"Hotel Chateau Frontenac", li tħares mill-post maestuż tiegħu fuq ix-xmara San Lawrenz. Din l-irħama, fl-iskrizzjoni kommemorattiva tgħidilna li dan il-*hotel* hu mibni fil-post fejn kien hemm il-palazz tal-Kavallieri ta' Malta, li kien ċentru amministrattiv tal-Kanada Franċiża (NOUVELLE FRANCE u L'ACADIE). Chev. Charles Hault de Montmagny kien l-ewwel gvernatur ta' Nouvelle France, waqt li Chev. Noel Brulart de Sillery kien gvernatur ta' l-Acadie; it-tnejn kienu kavallieri ta' Malta u flimkien mal-patrijiet Ġiżwiti għenu ħafna fl-iżvilupp, tmexxija, esplorazzjoni u skoperti ta' dan il-pajjiż vast.

Wieħed ma jista' qatt jifred il-folkor u tradizzjonijiet ta' pajjiż mill-ħajja etnika, soċjo-kulturali, storja u reliġjon tiegħu. Lanqas ma wieħed jista' jidħol fid-dettalji tal-folklor ta' pajjiż u jikteb fuqu jekk ma jkunx jaf l-isfond soċjo-kulturali, il-ħajja politika, reliġjon u storja tal-pajjiż. Dawn kollha huma marbutin fil-ħajja tal-poplu u jesprimu r-ruħ tiegħu fil-folklor. Għalhekk insibu rabta kbira bejn il-poplu Franċiż u nisrani ta' Quebec, il-Kavallieri ta' San Ġwann taħt il-patrun qaddis tagħhom San Ġwann il-Battista, u l-ħuġġieġa li saret matul dawn iż-żminijiet, simbolu ta' għaqda u att ta' fidi. U ma nistgħux ma nsemmux, li forsi kienu l-Kavallieri stess li daħħlu l-ħuġġieġa f'dan il-pajjiż. Huma kienu ta' influwenza qawwija kulturali, fl-ewwel snin, fi żmien meta kienu jamministraw dan il-pajjiż qabel ma waqa' taħt il-ħakma Ingliża fl-1760.

F'dan l-istudju komparattiv ma nistgħux inħallu barra jew ninjoraw ir-rabta li kien hemm bejn l-Ordni ta' Malta u n-*Nouvelle France*. Din tibqa' sejra lura sa nofs is-seklu sbatax. Matul il-Golf u x-xmara San Lawrenz insibu knejjes, oqsma u rħula b'konnessjoni mal-Kavallieri ta' San Ġwann. Fost il-gvernaturi ta' dan il-pajjiż, il-Kavallieri ta' Malta kienu: Charles Hault de Montmagny (għall-Amerindjani *muntanja kbira*, kif kienu jsibuh b'ilsien it-tribu tagħhom, u tawh dak l-isem bit-tradizzjoni tagħhom); Isaac de Launoy de Razilly; Robert Cavalier, Sieur De La Salle; Paul de Chomedy, Sieur de Maisonneuve, u oħrajn.

Dawn il-kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann ħallew isimhom minqux fl-istorja kemm ta' Quebec u kemm tal-Kanada. Il-Balliju Vici Ammiral Fra Pierrre-Andrè Suftsen de Saint Tropez qasam l-Oċean Atlantiku u baħħar darbtejn fis-seklu tmintax matul il-karriera navali tiegħu, u żar dan il-pajjiż. Niltaqgħu ma' bosta bliet u rħula fi Quebec fejn hemm bosta knejjes dedikati lil San Ġwann il-Battista, fejn lejlet il-festa tiegħu isiru l-ħġejjeġ tradizzjonali ta' San Ġwann.

F'dan l-isfond naraw kif f'dan il-pajjiż, f'lejlet jum San Ġwann, daħlet it-tradizzjoni tal-ħuġġieġa li saret parti mill-folklor tal-Provinċja ta' Quebec. Għalhekk ma nwarrbux il-fatt li kienu l-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann li setgħu daħħlu din it-tradizzjoni fil-folklor ta' dan il-pajjiż. Kienu huma li nkuraġġewha u rawwmuha kif

għamlu f'Malta, u baqgħet aktar minn qatt qabel, waħda mit-tradizzjonijiet ta' dak il-pajjiż (u ta' pajjiżna), u ilha sejra għal aktar minn tliet mitt sena.

**Il-Ħġejjeġ ta' San Ġwann** Nhar San Ġwann il-Battista jaħbat l-24 ta' Ġunju u l-ħġejjeġ isiru lejlet il-festa tiegħu, fit-23 ta' Ġunju. Il-ħġejjeġ jitqabbdu filgħaxijanett ma' nżul ix-xemx u jibqgħu sejrin sa tard bil-lejl. Madwar il-ħuġġieġa l-Franċiżi ta' Quebec jagħmlu għors sħiħ u jsir ħafna xalar, xorb, żfin u kant, kemm tradizzjonali, kif ukoll patrijottiku. Lejlet San Ġwann jew il-jum ta' qabel, huwa meqjus l-itwal jum tas-sena, u minn dak il-jum id-dawl jibda jnaqqas u jbatti sal-jum tas-*solstice tax-xitwa* f'Diċembru. Inkiteb ħafna dwar it-teorija ta' l-oriġini tal-ħuġġieġa ta' San Ġwann u mhux ser nidħol f'dan il-mertu u l-qasam tas-suġġett. Wieħed mill-aktar antropoloġi awtorevoli dwar dan is-suġġett u l-ħġejjeġ tas-*solstice,* Sir James Frazer, fil-ktieb tiegħu *The Golden Bough (Abridged Edition New York, 1936)* ma jgħidilna xejn dwar il-ħġejjeġ li jsiru lejlet San Ġwann fil-Provinċja ta' Quebec, u għalhekk nixtieq li din il-kitba tkun ta' studju komparattiv li bih naraw ix-xebh u l-paralelliżmu ta' tradizzjoni li kienet teżisti, u dawk li għadhom isiru fil-l-Provinċja ta' Quebec, u l-istess tradizzjoni ġol-gżejjer Maltin. Fi żmien il-ħakma ta' l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta il-Gran Mastru kien imur hu nnifsu fi proċessjoni ħalli flimkien mal-balliju u l-kavallieri jagħtu n-nar ħuġġieġa kbira f'nofs il-pjazza tal-palazz tal-Belt. Din kienet tkun is-sinjal biex jingħataw in-nar il-ħġejjeġ madwar il-gżejjer Maltin. Kienet tkun deħra tassew impressjonanti għal dawk iż-żminijiet b'dan l-avveniment ta' kull sena!

Ġo Franza wkoll, din il-lejla kienet waħda li daħlet bħala tradizzjoni f'dak il-pajjiż, u kienet issir il-festa tat-tqabbid tal-ħġejjeġ f'ħafna bliet u rħula, l-aktar fejn kien hemm kavallieri ta' San Ġwann il-Battista, magħrufin bħala l-Kavallieri ta' Malta. U l-kavallieri kont issibhom quddiemnett għal dik iċ-ċerimonja f'dik il-lejla. Kienu jmorru fi proċessjoni bil-pompa kollha, b'torċa f'idhom biex jagħtu n-nar lill-ħatab tal-ħuġġieġa li kienet tintrama f'xi pjazza ewlenija tal-belt jew raħal tagħhom. Ħġejjeġ oħra kienu jinxtegħlu fuq għoljiet jew muntanji. It-tradizzjoni tat-tqabbid tal-ħġejjeġ kienet issir ukoll f'ħafna pajjiżi ta' l-Ewropa speċjalment fil-pajjiżi ta' l-Iskandinavja u l-Ġermanja. Fl-Ingilterra, dawn il-ħġejjeġ kienu magħrufin bħala *Midsummer Night Bonfires.*

Fl-astronomija dan il-jum huwa magħruf bħala solstice tas-sajf, u jkun ta' importanza mill-akbar fil-kalendarju tal-folklor tal-pajjiżi ta' l-Ewropa. Kien lejl ta' festa fit-tradizzjoni ta' żmien ilu, qabel ma l-Kristjaneżmu beda jinfirex ma' l-Ewropa, meta f'dan il-kontinent kien jum ta' festa ta' oriġini pagana. Il-Knisja Nisranija, sa mill-bidunett, addattat dan il-jum tas-solstiċe tas-sajf, jum pagan, għall-Festa tat-twelid ta' San Ġwann il-Battista, bħala festa nisranija, u tatu libsa ġdida. Fih baqgħu jsiru l-ħġejjeġ bħalma kienu jsiru qabel. Insibu li t-tqabbid tal-ħġejjeġ kien isir ukoll max-xtut ta' madwar il-Mediterran. Kienu jsiru fl-Afrika ta' Fuq u baqgħu jsiru anke wara li daħal u xtered l-Islam f'dawk l-artijiet. B'hekk naraw, li din it-tradizzjoni folkloristika kienet ħajja u b'saħħitha fl-Afrika ta' Fuq qabel daħlu l-Għarab f'dawk il-pajjiżi u qerdu tradizzjonijiet ta' komunitajiet Insara; imma l-ħuġġieġa baqgħet issir!

**Il-Leġġenda** Il-leġġenda tal-ħuġġieġa hija marbuta ma' Jum it-Twelid ta' San Ġwann il-Battista. Sewwasew bħalha kienet tingħad fi Franza u pajjiżi oħra ta' l-Ewropa. L-oriġini tagħha, din il-leġġenda hi bikrija, tal-bidu taż-Żminijiet Nofsana (*medio evo*) u x'aktarx ukoll ta' l-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu.

Għallinqas, kif kienu jirrakkontawhielna ġo L-Isla, qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, din il-leġġenda tgħid hekk: Omm Ġwanni l-Battista, Santa Eliżabetta, kienet toqgħod xi ftit 'l bogħod mill-qariba tagħha Marija (il-Madonna), u sar ftehim bejniethom minn qabel, li meta jitwieled binha, tgħarraf lill-Madonna b'ħuġġieġa. U hekk għamlet. Meta twieled San Ġwann, Santa Eliżabetta talbet lil żewġha San Żakkarija biex iqabbad ħuġġieġa fuq għolja fil-qrib ħalli biha tgħarraf lill-Madonna bit-twelid ta' Ġwanni. U jkomplu jgħidulna fil-leġġenda, li l-Madonna wkoll xegħlet ħuġġieġa fuq għolja qrib id-dar tagħha biex twieġeb lill-qariba tagħha li rċeviet il-messaġġ tagħha bil-ferħa.

F'dawk iż-żminijiet, il-ħġejjeġ kienu jintużaw għall-messaġġi u mezz ta' komunikazzjoni. X'aktarx li din il-leġġenda li tingħad f'Malta ġejja wkoll minn żminijiet tal-*Medio Evo*. Minn Franza, din il-leġġenda ttieħdet mill-emigranti Franċiżi fid-Dinja l-Ġdida, ġo Quebec u postijiet oħra ta' l-Amerka ta' Fuq meta bdew jikkolonizzaw dak il-kontinent. Dawn l-emigranti kienu telqu l-aktar minn madwar ix-xtut ta' l-Atlantiku ta' Franza fejn għandhom l-istess leġġenda dwar dawn il-ħġejjeġ.

Għalhekk din il-leġġenda tal-ħuġġieġa ma twasslitx ġo Quebec u fin-*Nouvelle France* qabel is-seklu sbatax. Il-Kavallieri ta' San Ġwann (l-Ordni ta' Malta) ma naqsux li jinkuraġġixxu l-kult u l-qima lejn dan il-Qaddis Patrun tagħhom, il-jum tal-festa tiegħu,u l-kommemorazzjoni u t-tradizzjoni folkloristika tal-Ħuġġieġa f'lejlet il-festa.

F'Malta ġara l-istess ħaġa. Insibu għalhekk xebh u paralelliżmu fit-tradizzjoni li kien hemm f'dawn il-gżejjer fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann. Din it-tradizzjoni folkloristika kienet tant qadima u rabbiet tant għeruq, li saret parti mill-ħajja soċjo-kulturali, reliġjuża u folkloristika ta' ħafna pajjiżi fl-Ewropa u fid-Dinja l-Ġdida.

Il-ħġejjeġ għadhom jitkebbsu bl-akbar ħerqa u entużjażmu. It-tfal u ż-żgħażagħ tal-Provinċja ta' Quebec jagħmlu l-almu tagħhom għal dan. Wieħed ħabib tiegħi Kanadiż li trabba fi Quebec kien qalli li fi tfulitu kienu jinġabru bi ħgarhom, tfal u żgħażagħ madwar il-ħuġġieġa tradizzjonali u kienu joqogħdu jiżfnu, ikantaw madwarha u jixwu l-qastan fil-ġamar tal-ħuġġieġa, biex meta jsir jikluh; u jgħaddu l-lejl hekk.

Ma jistax jonqos li din tal-ħġejjeġ intlaqgħet tajjeb mit-tribujiet ta' l-Ameridjani (ir-*Red Indians*) għax dawn iħobbuhom il-ħġejjeġ. Għalkemm din it-tradizzjoni tal-Ħuġġieġa ta' San Ġwann hi tradizzjoni folkloristika Franċiża, madankollu għall-Amerindjani serviet ta' okkażjoni oħra ta' festa ferrieħa li taqbel ħafna mal-ħajja soċjali tagħhom, u ta' kif iħobbu jiċċelebraw huma. F'dak l-ambjent ta' dalma tal-foresti kbar tistħajjel li madwar ħuġġieġa jkun hemm dik l-atmosfera ferrieħa ta' għaqda soċjali. L-Amerindjani kienu jinġibdu lejn ħuġġieġa b'mod ta' l-għaġeb għax hemm istint primittiv fil-bniedem, komuni fil-bnedmin kollha, li jmorru fejn jilmħuha fid-dalma tal-lejl; qiegħda ġo demmu l-bniedem li jaffaxxina ruħu minn ħuġġieġa! Għalhekk il-Ħuġġieġa ta' San Ġwann kienet opportunita' oħra għall-Amerindjani f'dak il-lejl tas-sostizju sabiex f'*pow-wow* jinġabru madwar ħuġġieġa (flimkien ma' l-immigranti) speċjalment dawk li ħaddnu l-fidi nisranija. B'hekk, l-istess tradizzjoni kienet isservi, kemm għall-Franċiżi kif ukoll għall-Amerindjani f'dak il-kontinent.

**Il-Ħġejjeġ f'dawn l-Aħħar Snin** Il-ħuġġieġa ta' San Ġwann saret qisha simbolu ta' protesta tas-Separatisti ta' Quebec, tal-partit li jrid politikament li din il-Provinċja tinqata' minn mal-Kanada u jagħmluha stat indipendenti. Fid-dimostrazzjonijiet li

jsiru minnhom f'lejlet Jum San Ġwann il-Battista, jitkebbsu l-ħġejjeġ f'kull raħal u belt tal-Provinċja. Wieħed mill-postijiet fejn iqabbdu l-ħuġġieġa hu l-quċċata tal-muntanja Mont Real fil-belt kbira ta' Montreal fl-istess Provinċja, u ssir mill-istudenti ta' l-Universita' ta' dik il-belt. Ma kinux saru ħġejjeġ fis-Sena tal-Emerġenza fl-1971 minħabba li dawn il-ħġejjeġ bdew jassoċjawhom mal-partit tas-Separatisti u mad-dimostrazzjonijiet politiċi tagħhom, fil-festa *ad unur* il-patrun tal-Provinċja Kanadiża.

Fis-snin li kont emigrant u kont ngħix f'Windsor-Ontario, xi xjuħ kienu qaluli li jiftakru ħġejjeġ kbar fi rħula qrib Windsor, fl-għelieqi u r-raba' tal-qrib, madwar il-Grand Marais u f'ħafna postijiet ta' abitazzjoni fil-kampanja madwar Point Peleè, fl-Assomption u f'irħula max-xtut tax-xmara Detroit u l-Għadajjar Kbar, f'La Salle, Tecumseh u River Canard, u kull fejn hemm irħula iżolati; oqsma u rziezet (*farms*) b'familji ta' bdiewa Franċiżi; tabilħaqq kienu jsibu ħatab xi jqabbdu! Ma nafx kienetx issir bi tradizzjoni xi ħuġġieġa wkoll f'Detroit mill-komunita' etnika Franċiża tal-Parroċċa ta' Ste.Anne ta' dik il-belt.

Il-ħġejjeġ kienu jsiru bi tradizzjoni folkloristika u bdew bil-mod il-mod jinqatgħu minħabba li jitqiesu bħala simbolu tal-Kattoliċeżmu u aktarx kien hemm sikkatura u pressjoni Protestanta u Anglo-Sassona. Imma fil-Provinċja ta' Quebec il-Ħġejjeġ ta' San Ġwann għadhom isiru bil-kbir u ilhom issa għal aktar minn tliet mitt sena, waqt li f'Malta bdew jinqatgħu u kważi spiċċaw għal kollox, aktarx minħabba bruda lejn din id-drawwa folkloristika. Kemm f'Malta, kif ukoll fi Quebec fil-Kanada, il-Ħġejjeġ ta' San Ġwann kellhom l-istess bidu, l-istess inkoraġġiment u l-istess trawwim matul l-istorja tagħhom.

***Nota:*** Fis-snin meta kont emigrant ngħix fil-Kanada ġbart tagħrif minn xi nies anzjani u oħrajn dwar il-Ħġejjeġ ta' San Ġwann li jsiru f'dak il-pajjiż, fejn kont nosserva wkoll tradizzjonijiet u folklor.

***Bibljografija***:


BOURINOT, Sir J.G. *Canada, T.Fisher-Unwin-London*(1908)

BUSUTTIL, Vincent, MLA *Holiday Customs in Malta* (1894)

FRAZER, Sir James *The Golden Bough (Abridged Edition) Macmillan, New York* (1951)


---

## IL-FRATELLANZA TAL-KARITÀ

**Lorenzo Zahra**

Kien il-Papa Klement VIII (1582-1605) li hareġ bolla sabiex jitwaqqfu fratellanzi bil-għan li jgħinu lill-foqra bil-karita'. Naturalment kien żmien li fid-dinja kien hawn wisq faqar u bosta kienu jgħixu fil-miżerja. Il-Papa Pawlu V li laħaq warajh kompla bil-pubblikazzjoni ta' Bolla Apostolika.

Fostna twaqqfu fratellanzi fuq l-istess linji. Fl-1582 twaqqfet il-Fratellanza tal-Karita' fil-Birgu. Fl-1610 twaqqfet dik tal-Belt Valletta fil-knisja ta' San Pawl. Twaqqfu tnejn oħra, waħda f'Ħaż-Żebbug fl-1695 u oħra fl-Isla fl-1719; ilkoll kellhom l-għan li jgħinu 'l foqra. Kienu fdati minn bosta u f'idejhom kien jitħalla xi ġid biex ikun ta' għajnuna lill-fqar. Għalhekk dawn il-fratellanzi għażlu membri tagħhom stess biex jieħdu ħsieb jiġbru u jqassmu u jamministraw il-ġid li jkun fdat f'idejhom.

Kull waħda minn dawn il-fratellanzi kellha l-karatteristiċi tagħha fit-tqassim lill-foqra. Dik tal-Belt Valletta mwaqqfa fil-Kolleġġjata ta' San Pawl, mogħnija b'ġid li xi negozjanti ta' l-imgħoddi ħallew f'idejha, kienet mhux biss tqassam legati taż-żwieġ, imma wkoll kellha fondi biex tgħin fil-ħelsien ta' l-iskjavi. Dik tal-Birgu kienet tqassam ħobż lill-fqar, u saħansitra fil-proċessjoni l-fratelli kienu jqassmu ħobż fit-tilari li biż-żmien saru baċiri dekorati (*), li kienu karatteristiċi ta' din il-fratellanza tal-Birgu. Il-fratellanza ta' l-Isla, b'devozzjoni speċjali, intrabtet ma' tal-Kurċifiss, waqt li dik ta' Ħaż-Żebbuġ żammet ukoll l-għan ta' għajnuna lill-fqajrin.

Il-fratellanza tal-Belt, kienet, sa minn bosta snin, nhar Hadd il-Palm, timla mejda b'ħafna prodotti ta' l-ikel u wara tistieden lill-arċipriet biex ibierek il-proviżjon kollu, u wara jiġu fqajrin minn kull parroċċa, imlibbsa libsa bajda apposta, imsejħa *sacco*, waqt li l-istess fratelli kienu jilbsu fardal abjad u jqassmu l-proviżjonijiet kollha tal-mejda. Maż-żmien din spiċċat biex isservi biss ta' dekorazzjoni, għalhekk, dawn l-aħħar snin, il-fratellanza ddeċidiet li wara li tesponi l-mejda, tqassam il-proviżjonijiet lil xi istituti jew komunitajiet reliġjużi fqajrin, u l-mejda ma baqgħetx issir. Għalkemm b'idea żbaljata, uħud bdew isejħu din il-mejda, "ta' l-appostli", għax kienu jqabbluha ma' l-imwejjed ta' l-appostli li issa saru tant komuni armati f'diversi parroċċi.

(*) Ritratt ta' dan il-baċir deher f' "L-Imnara" Nru.18 (1994) p.15

---



Fratelli tal-Karita fl-oratorju tagħhom fil-knisja parrokkjali San Pawl, Valletta.
*(ritrat: Guido Lanfranco, festa 30-V-1998; jidhru Lorenzo Zahra u Edward Farrugia)*




Muzzetta u konfratija tal-fratellanza tal-Karita tal-Birgu
*(ritratt: Guido Lanfranco, 6-X-1996, mużew parrokkjali, Birgu)*

L-istudju tad-drawwiet u tradizzjonijiet tal-poplu ta' kull pajjiż tad-dinja beda jikseb importanza kbira mill-bidu tas-seklu dsatax permezz ta' kitba minn nies magħrufa. Insemmu, per eżempju, lill-aħwa Ġermaniżi Jacob u Wilhelm Grimm, kittieba ta' ħrejjef li ġew maqluba għal diversi ilsna, bħal *Grimm's Fairy Tales* (1812-1822) bl-ingliż. Giuseppe Pitre', taljan, kien studjuż ieħor kbir tal-folklor. Kiteb ħafna lejn it-tmiem tas-seklu dsatax dwar it-tradizzjonijiet popolari tat-taljani u l-isqallin. Hawn Malta, is-Sur Fons Maria Galea, bejn l-aħħar snin tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin, ippublika bil-Malti, serje ta' 150 ktieb fis-serje "Mogħdija taż-Żmien". Fl-1900 ħareġ il-ktieb 6A "Drauuiet Tan-Nies Ta Xi Pajjisi".

Minbarra l-kitba, insibu wkoll pitturi u ritratti li ġew anki riprodotti f'kotba u kartolini. Insemmu ħamsa:

*The Colour and life of Malta from Original Paintings* ta' Edward Caruana Dingli, stampat fl-1927 mid-Ditta Critien.

*MALTA Picture Postcards 1898-1906* ta' Giovanni Bonello u Graham Smeed sponsorjat mill-Mid-Med Bank, 1985.

*MALTA through Post-Cards 1900-1910* ta' Godwin Said, pubblikat minn Said International Ltd. Fl-1989

*An International Dictionary of Artists who Painted Maltese Postcards, 1898-1945* ta' Giovanni Bonello,

*International Dictionary of Artists Who Painted Malta* ta' Nicholas De Piro, stampat mid-Ditta Said fl-1988.

Il-qarrejja jridu jifhmu, iżda, li dawn il-pubblikazzjonijiet ma jittrattawx biss il-folklor.

Imma l-folklor daħal ukoll fil-filatelija. Beda jkollna ħarġiet ta' bolli li juruna xeni ta' folklor lokali.

Fis-26 ta' Frar 1976 l-Uffiċċju tal-Posta ħareġ sett ta' erba' bolli dwar folklor Malti. Is-suġġett ta' kull bolla minnu nnifsu jurina x'tip ta' drawwiet huma marbutin ma' dik il-festa popolari li l-bolla turi. Dawn kienu: Festa tar-raħal (1c3m);

insibu armar għall-festa, bħal bandalori, pavaljuni u rdieden tal-ġiġġifogu. L-Imnarja (5c); naraw raġel idoqq il-kitarra, min jgħanni, min jiżfen, u min isajjar fuq il-kenur fil-Buskett fejn ikun hemm il-festa bil-lejl lejlet l-Imnarja sa filgħodu. Il-Karnival (7c5m); naraw tliet maskarati, tifsira tal-Karnival. Il-Ġimgħa l-Kbira (10c); naraw fratelli fil-purċissjoni b'vara nhar il-Ġimgħa l-Kbira. Dawn id-drawwiet popolari kienu deskritti wkoll fil-bullettin li joħroġ ma' kull ħarġa ta' bolli.

Ħamsa u għoxrin sena wara, fit-22 ta' Frar 2001, il-Maltapost ħarġet sett ta' ħames bolli dwar il-Karnival, ta' 6ċ, 11ċ, 16ċ, 19ċ u 27ċ. Il-bolli ġew meħuda minn ritratti ta' karrijiet u kostumi fl-isfilata tal-Karnival fit-toroq tal-Belt. Fil-Buluttin li ħareġ ma' dawn il-bolli nsibu fil-qosor l-istorja tal-Karnival f'Malta, inkluż l-element tal-folklor marbut miegħu, mill-bidu tiegħu fil-Birgu fl-1535 sal-ġurnata tal-lum. Fuq il-qoxra ta' barra tal-bullettin naraw xena oħra tal-Karnival. . . ta' daqqâqa, għannejja u żeffiena, fost il-briju tal-poplu, fil-Pjazza tal-Palazz, il-Belt, kif kien pinġieha Edward Caruana Dingli.

Ftit wara, fit-18 ta' April, il-Maltapost riedet tfakkar lil dan il-pittur tal-folklor Malti, Edward Caruana Dingli, fl-okkażjoni tal-125 sena minn twelidu. B'dan il-għan ħarġet sett ta' ħames bolli li ġew kollha magħżula minn fost l-40 tpinġija tiegħu li kienu ġew stampati fil-ktieb li semmejna aktar 'l fuq. Dawn huma: Mara tbiegħ it-tiġieġ (2ċ); Zagħżugħ tar-raħal (4ċ); Mara bl-għonnella (6ċ); Raġel idoqq il-kitarra (10ċ); Bejjiegħa tal-larinġ f'ġenb ta' triq fil-kampanja (26ċ). Fil-Bullettin li ħareġ mal-bolli, minbarra t-tagħrif tekniku dwar din il-ħarġa, insibu kopja ta' awtoritratt tal-pittur, u nota bijografika dwaru miktuba min-neputi tiegħu Gordon Caruana Dingli.

Ħareġ ukoll sett ta' kartolini ta' l-istess bolli. Jagħtu stampa ċara ħafna tad-drawwiet u l-ilbies li fis-seklu li għadda kienu parti mill-ħajja ta' kuljum ta' niesna. Biex dawn ma jintesewx qegħdin infakkruhom permezz ta' stampi bil-kulur f'din il-ħarġa ta' L-Imnara għas-sodisfazzjon tal-qarreja u għall-istorja. F'dawn l-istampi jidhru kbar; id-daqs oriġinali hu: 32.80mm x 55.00mm.

---




Sett bolli li ħareġ fit-18-IV-2001 b'tifkira tal-pittur Edward Caruana Dingli (1876-1950)

# IL - VENERANDA LAMPADA F' ĦAŻ-ŻEBBUĠ

Minn GUIDO LANFRANCO

**X'kienet din il-Veneranda Lampada?** Minn mindu bdew jieħdu forma aktar stabbli, fis-seklu sittax, il-parroċċi ma kinux kontrollati minn awtorità finanzjarja waħda imma minn diversi entitajiet żgħar fejn xi ħadd jieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-knisja, ħadd ieħor il-legati jew obbligi u festi partikolari, u għaqdiet u konfraternitajiet jieħdu ħsieb xi artal, vara jew ħaġa oħra; kull wieħed iżomm il-kontijiet separatament. L-aktar entita' importanti kienet dik li tieħu ħsieb l-artal maġġur li fost oħrajn kellha l-obbligu li żżomm il-lampier dejjem mixgħul, għalhekk kienet tissejjaħ il-Veneranda Lampada. Iżda biż-żmien bdew deħlin aktar affarijiet, sakemm bdiet tieħu ħsieb ukoll bżonnijiet assoċjati ma' festi, manutenzjoni, priedki u l-kumplament; baqgħu biss separati l-fratellanzi u għaqdiet oħrajn[1]. Għalhekk il-Veneranda Lampada żviluppat fi prokura ġenerali għad-dħul u nfiq ta' kollox [2]. Ngħidu aħna , il-Veneranda Lampada ta' l-Imqabba fl-1748, ħallset bin-nifs għall-orgni ġdid [3]. Il-prokuratur tal-knisja, li kien jieħu ħsieb il-Veneranda Lampada, mhux bilfors dejjem kellu jkun qassis, u bħala eżempju nsemmu li fl-Imġarr, kien jieħu ħsieb is-sagristan mill-1930 sal-1944 [4].

**F' Ħaż-Żebbuġ** Bħala eżempju nsemmu li l-Veneranda Lampada f'Ħaż-Żebbuġ, ħallset 140 skud fl-1742, biex Saverio Laferla jagħmel l-istatwi tad-Duluri, S.Ġwann Evanġelista, il-Veronika u S.Vinċens de Paoli [5], u fl-1762 ħallset ukoll għall-kaxxerizzi tas-sagristija ġdida[6]. Ilu ftit rajt xi ftit karti mitluqa, li jidhru li darba kienu parti minn rendikont tal-Veneranda Lampada ta' Ħaż-Żebbuġ, miktubin ta' malajr, u għandi naħseb li dawn imbagħad inkitbu aktar puliti u definiti f'xi reġistru apposta.[7] Għalkemm f'dawn il-karti li rajt m'hemmx l-isem tal-prokuratur, u l-anqas l-isem tar-raħal, jidhru xi affarijiet li ma' Ħaż-Żebbuġ biss għandhom x'jaqsmu; qed ngħid fejn imdaħħlin spejjeż "... per l'anniv. Del G.M.Manoel. 2. 1. 14 " għas-6 ta' Jannar 1874. Il-kalkoli juru li l-ħlasijiet huma bl-iskudi, tari u grani li għalkemm kien hawn l-Ingliżi f'Malta, kienu baqgħu jintużaw għal żmien ġmielu.

**Quddiesa għall-Gran Mastru Vilhena fit-12 ta' Diċembru** Dawn l-ispejjeż

għall- quddiesa tħallsu f'Jannar, imma l-okkażjoni saret fit-12 ta' Diċembru 1873 u dik id-data taħbat tifkira tal-mewt tal-Gran Mastru Manoel de Vilhena li ġrat fit-12 ta' Diċembru 1736. Kien dan il-Gran Mastru li rregala r-relikwa, biċċa mid-driegħ ta' S . Filep, liż-Żebbuġin. Jingħad li Vilhena, qabel sar Gran Mastru, kien għamel wegħda li jekk jintgħażel jara kif jagħmel jirregala relikwa tal-qaddis liż-Żebbuġin, wara li kien għamillu talba l-kappillan Sagnani li kien jafu minn qabel. Meta sar Gran Mastru fl-1722 kkuntattja 'l-kapitlu ta' Aggira u dawn bagħtulu din ir-relikwa sena wara. Bħala rikonoxximent, iż-Żebbuġin bdew jagħmlulu quddiesa fit-12 ta' Diċembru, Il-karti li rajt ikopru minn Diċembru 1873 sa Lulju 1875 u l-quddiesa tidher titħallas f'Jannar ta' wara [8].

**San Girgor** Il-proċessjoni votiva ta' San Girgor kienet ilha ssir għal żmien twil, u fiha kienu jipparteċipaw il-parroċċi kollha bil-fratellanzi, slaleb u kleru, u l-poplu li joħnoq iż-Żejtun, wara jmur lejn Marsaxlokk. Din spiċċat minħabba tilwim kontinwu dwar preċedenza, u fadal biss pellegrinaġġ nominali mill-fratellanza ta' S. Ġużepp tar-Rabat mal-Kapitlu ta' L-Imdina li jsir fl-ewwel Erbgħa wara l-Għid; in-nies għadhom imorru bi ħġarhom, imma f'Marsaxlokk biss! Il-Veneranda Lampada ta' Ħaż-Żebbuġ fl-1874 turi 5 skudi għall-vetturi tal-kleru (aktarx karrozzelli li sa xi snin ilu kienu jintużaw mill-kappillan wara l-karru tal-mejtin), 2 skudi 4 tari 16-il gran għas-"servienti" li ġarrew is-salib fil-proċessjoni u għall-vettura għalihom, u 10 tari lil Saver Bonnici li ġarr is-salib lura l-knisja. L-istess sar fl-1875, imma hawn kienu tħallsu skud, 2 tari u 8 grani għall-kantanti tal-litanija waqt il-proċessjoni.

**Qniepen u sajjetti!** Bħalissa ħadd ma joħlomha, imma sa l-ewwel żminjiet tas-seklu għoxrin, kienu jaħsbu, li jekk tinqala' maltempata bir-ragħad u s-sajjetti tista' tittaffa u titbiegħed bid-daqq tal-qniepen, u b'hekk niskansaw il-periklu. Tabilħaqq, iddoqq jew ma ddoqqx qniepen, il-maltempata tieħu l-kors tagħha u xorta f'xi ħin tgħaddi waħedha minn fuqna, imma missirijietna kienu jaħsbuha mod ieħor. Għalhekk fil-kontijiet tal-Veneranda Lampada nsibu mniżżlin skud għad-daqq tal-qniepen fil-maltempati (28 Diċ. 1873), 6 tari (29 Jan. 1874) u 6 tari oħra (18 Frar u 12 Marzu 1875).

## Esito della V. Lampade

| | | | Sc | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1873. | | | | | |
| Dicembre | 18. | Per vettura essendomi portato in Valletta a prestar il giuramento della fedele amminis. | 1. | 8. | — |
| " | 22. | Per resa dei conti — — — — — — | 21. | 2. | 7. |
| " | 23. | Per trasporto dei libri — — — — — — | — | 10. | — |
| " | " | Per costo di questo privato giornale e pedag. | — | 10. | 4. |
| " | " | Per un rotolo ed un quarto e mezzo benzoino e per due rotoli e mezzo incenso e pedaggio | 3. | 11. | 3. |
| " | 28. | Per costo di N. 6 scope — — — — | — | 9. | — |
| " | " | Per timo — — — — — — — | — | 7. | 4. |
| " | " | Per costo di carbone compreso il pedaggio | 1. | 10. | 4. |
| " | " | Ai servienti per suono di campane in due temp. | 1. | — | — |
| " | " | Ai suddti per loro diritto nella solennità di Natale | 5. | — | — |
| " | " | Al Gpe Agius izzungen per 4 calendari compr. il pag. | 1. | 3. | 12. |
| " | 29. | Ad Ang. Zerafa p vino somministrato fin ai 22 corrente — — — — — — | 52. | 4. | 10. |
| " | 31. | Per caffè di natale compresi # 2. [illegible] per serv. | 1. | — | 18. |
| 1874. | | | | | |
| Gennaro | 2. | A D. Mich. Vassallo per suo incommodo nel celebrare la messa delle ore undici — — — | 28. | — | — |
| " | " | A Fil. Xerri per N. 12 candele di R. 58.15. — — | 126. | 9. | — |
| " | 5 | Ai Sagrestani — — — — — — | 20. | — | — |
| " | 6. | Al Puntatore per l'anniv. del G. M. Manoel — | 2. | 1. | 14. |
| " | " | Al detto per gl' anniv. di Michelangelo: Franc: ed Anna Calleja — — — — — — | 5. | 5. | 2. |
| " | " | Per un sacco foglie di carrubo — — — | — | 6. | — |
| " | 7. | Ai serv: per aver calato la tappezzeria — — | 2. | 6. | — |
| | | Sc | 277. | 8. | 18. |

**Weraq ma' l-art tal-knisja** Minn żmien ilu, fil-knejjes kien hemm drawwa li l-art titgħatta bil-weraq tas-siġar. Dan kien oriġina minħabba diversi raġunijiet. Kienu jidfnu fil-knejjes u fuq l-oqbra kienu jqiegħdu weraq tal-larinġ, tar-rand, tas-sagħtar, plejju u oħrajn li jfuħu, biex jagħtu atmosfera aktar friska. Minbarra hekk bosta knejjes tal-bidu ma kellhomx madum tajjeb, imma kienu jew trab u torba mbattmin, jiġbru fihom il-briegħed, jew jekk ikollhom paviment, dan għall-ewwel kien ikun taċ-ċangatura tal-franka li titħammeġ malajr. Iżda wkoll wara li ma baqaax isir dfin, u wara li l-art kienet tgħattiet bl-irħam, komplew jifirxu weraq ma' l-art, speċjalment fil-festi. Dan baqa' jsir ukoll sa qabel il-gwerra li għaddiet f'diversi knejjes ta' l-irħula. F'Ħaż-Żebbuġ il-Veneranda Lampada nefqet 6 tari għall-weraq tal-ħarrub (6-Jan.1874), sagħtar 7 tari 4 grani (28 Diċ. 1873) 7 tari (9 Apr.1874) 3 skudi 6 tari ħarrub u weraq ieħor (14 Mejju 1874) 9 tari (27 Diċ. 1874) weraq tal-ħarrub għall-festi tal-Milied u 3 skudi 3 tari 12 grani għall-weraq tal-ħarrub (24 Mejju 1875).

**Bżonnijiet oħra** L-ewwel spiża mniżżla f'dawn il-karti tal-Veneranda Lampada ta' Ħaż-Żebbuġ turi li l-prokuratur kien għadu kemm ħa dan ix-xogħol f'idejh, għax kiteb li nefaq skud u 8 tari għat-trasport biex mar il-Belt jieħu ġurament li jamministra l-prokura fedelment.(18 Diċ. 1873). Il-ħlasijiet saru għal diversi xogħlijiet, fosthom għax-xema', ħasil u tfarfir tal-knisja, kafejiet lil min jippriedka, jagħmel l-eżerċizzi jew ikanta, flimkien mat-trasport tagħhom, ħlas lil min ilesti l-palk ta' l-eżerċizzi u lil min jarma u jżarma d-damask, ħlas ta' faħam, inċens, musketterija f'Sibt il-Glorja, fjuri għas-Sepulkru, mużika fil-festi, xiri ta' ostji, żejt għal-lampier, u bosta oħrajn. Jidhru spejjeż għall-ġarr u tqassim tax-xema' mbierek tal-kandlora, kif ukoll għal min iqassamu lill-bdiewa mifruxin fil-kampanja. Ta' min jgħid ukoll li tħallsu 12 skudi u 6 tari lill-organista għas-sena 1873, u 5 skudi lit-"tiramantici", jiġifieri dawk li jħaddmu l-minfaħ ta' l-orgni. Fil-15 ta' Awissu 1874, tħallsu skud u 3 tari lil min waqqaf il-katafalk jew tubru għall-quddiesa meta miet l-isqof Pace Forno fit-22 ta' Lulju 1874. Is-sena ta' wara, tħallsu 7 skudi u 6 tari għal żewġ stemmi veskovili mpittra għat-tubru (26 April 1875) u 4 tari biex

ittraspportawhom (14 Mejju 1875) għar-raħal, biex jintużaw meta jagħmlu quddies għal ruħ l-isqof.

\- - - - - - - - - - -

*Referenzi*


1. LUTTREL, ANTH. (edit.) *Hal Millieri, A Maltese Casale, its churches and paintings* (1976) p.131
2. DEGUARA, ALWIĠ *L-Imġarr; Il-Ħajja u l-Ħidma ta' Niesu* (1999) p.126
3. AGIUS MUSCAT, HUGO & LUCIANI, BRUNO *Old Organs of Malta and Gozo* (1998) p.173
4. DEGUARA, ALWIĠ *op.cit.* p.25-26
5. S.S.C.D.Z. *Storia del Zebbug e Sua Parrocchia* (1882) p.44
6. S.S.C.D.Z. *op.cit.* p.57
7. Ħdax-il folja sfuża mgħoddijin lill-awtur minn persuna anzjana minn Ħaż-Żebbuġ.
8. VELLA, LURET *Storja ta' Ħaż-Żebbuġ* (1986) p.41


**Nota:** *L-ispejjeż jidhru bl-iskudi, tari u grani.* **Scudo** *- 12 tari;* **Tar** *- 20 grani. (grani jitqiesu ħabbiet, u Tari rbgħajja)*

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Ripto Sc. | 488. | 11. | 0 |
| 1894. Aprile | 5 | Ai servienti per paratura del Sepolcro con prezzi e fiori — — — — — — | 3. | — | — |
| " | " | Ai suddetti per la solennità di Pasqua e suono di campane in Sabbato Santo — | 3. | 6. | — |
| " | 7. | Per un rotolo di polvere da sparo per Sabbato S. | — | 7. | 4. |
| " | 8. | Per la vettura del clero in occasione di S. Gregor. | 5. | — | — |
| " | 9. | Ai servienti per aver portato processionalmente la croce in S. Gregorio e per loro vettura Sc. | 2. | 4. | 16. |
| " | " | A Sav: Bonnici per aver trasportato la detta croce dal Vettura dopo finita la processione — — | — | 10. | — |
| " | " | Per caffè somministrato ai cantanti del passio ed ai celebranti di Domenica Palmarum e Venerdì Santo — — — — — — — — | — | 6. | 1[illegible] |
| " | " | Per costo d'un sacco di carbone, compr. il pedaggio. | 1. | 8. | 12. |

*(Nota Editorjali: Din hija silta minn kitba li għad trid tidher fi ktieb aktar elaborat)*

**QABIL IX-XAGĦAR (Caprine Species)**

**Fl-istat naturali tagħhom, il-baqar, in-nagħaġ u l-mogħoż ilkoll jgħixu bi<u>r-RAGĦI</u> (pasturage/grazing), imma mhux ilkoll jirgħu fl-istess ambjent. Il-mogħża tfittex postijiet muntanjużi u muħġara, tixxabbat ma' l-ogħla blat u tixref fuq irdumijiet u xfarijiet fejn bhejjem oħra jibżgħu jersqu. Ma tħobbx tgħix ubbidjenti ġo merħla bħan-nagħġa, imma timraħ 'l fejn tgħidilha rasha; tiekol ix-xewk, l-għollieq, l-ħurrieq u ħxejjex li bhejjem oħra jaħarbuhom.**

**Il-mogħża tagħtina l-laħam, il-ħalib u l-ġlud. Il-laħam jissejjaħ <u>LAĦAM TAL-GIDI</u> (goat's meat, kid). Il-ħalib tal-mogħoż hu tajjeb ħafna u dari kien anke rrikomandat mit-tobba kontra l-mard tat-tiżi (tuberkulożi) u għal min ikun allerġiku għal ħalib ieħor. Il-fama tal-ħalib tal-mogħża ħadet daqqa ta' ħarta meta Temi Zammit sab fih il-baktierja tad-deni rqiq. Il-bniedem jista' jimrad bid-deni rqiq anke mill-ħalib tal-baqar u hu għalhekk li l-ħalib jiġi ppastorizzat jew mgħolli. Kienet weħlet b'kollox il-mogħża, għax dari, meta ma kien jiżisti l-ebda mpjant għall-produzzjoni tal-ħalib, ħafna minn-nies kienu moqdija bil-ħalib tal-mogħża li kienet tinġieb wara biebhom.**

**Biex <u>TAĦLEB</u> (to milk) trid iddawwar subgħajk madwar <u>IŻ-ŻEJŻA</u> (teat) tal-mogħża (jew nagħġa jew baqra); sebgħak il-kbir ikun fuq nett fuq naħa waħda, u l-erbgħat iswaba l-oħra fuq in-naħa l-oħra, kif jidher fid-disinn. Trid toqgħod attent li ma**



**Kif taħleb il-mogħża**

toqrosx il-mogħża b'difrejk. Erfa' idek 'l fuq biex tagħfas bil-mod fuq IL-BIŻLA (udder) biex din terħi l-ħalib ġoż-żejża, imbagħad għafas iż-żejża bis-swaba kollha, imma kull sabgħa wieħed wara l-ieħor, mewġ mewġ, biex il-ħalib joħroġ u jaqa' ġol-maħlieb jew barmil. Il-ħalib joħroġ GEŻŻ geżż (jet, squirt). In-nisa tad-dar li kienu jixtru l-ħalib m'għand ir-raħħal li kien jiġi bil-mogħża ħdejn l-għatba ta' biebhom kienu jinsistu li jimlielhom it-tazza jew bott li kien ikollhom, u kienu jgħidulu: " U ejja kemm int kiesaħ, għamilli geżż ieħor!" Trid tara li taħleb il-ħalib kollu, għax l-itjeb ħalib hu l-ħalib ta' l-aħħar, u jekk ma taħlibilhiex il-ħalib kollu, il-mogħża tibda tagħmel inqas u inqas ħalib.

Mill-ħalib tista' tagħmel il-ġobon, jew fil-każ tagħna l-Maltin, il-ġbejniet. Il-ġbejniet jistgħu isiru wkoll mill-ħalib tan-nagħaġ. Il-prinċipju ta' kif isir il-ġobon hu dan. L-istonku ta' kull tarbija umana jew ferħ ta' annimal hu magħmul apposta biex ikun jista' IĠERRAGĦ (to digest) u juża sewwa il-ħalib ta' l-omm. L-istonku ta' annimal jew bniedem adult ma jibqax l-istess bħal dak ta' meta jkun tarbija, u dan għax ikun irid ilaħħaq ma' ikel u diġestjoni differenti. Mela la qiegħdin nitkellmu fuq il-ħalib tal-mogħoż, irridu noqtlu GIDI (kid) li hu l-ferħ tal-mogħża, u meta nisolħuh u nifthuh, nieħdu l-istonku tiegħu li jkun għadu mimli bil-ħalib ta' l-omm. Norbtu l-istonku b'mod li ta' ġo fih ma joħroġx u nitfgħuh fil-melħ għal xi għaxart ijiem. In-neħħu l-istonku tal-gidi mill-melħ u nitfgħuh fix-xorrox, li aktar 'il quddiem nispjegaw x'inhu. Hawn min anke jagħsar xi lummija ġox-xorrox. Wara xi tlett ijiem jitneħħa l-istonku tal-gidi minn ġox-xorrox u l-likwidu jinħażen ġo xi flixkun. Dan il-likwidu issa jissejjaħ IT-TAMES (rennet). Biex nagħmlu l-ġobon jew il-ġbejniet irridu nqattru ftit qtar tat-tames fil-ħalib. Meta nagħmlu dan, il-ħalib JOBQOT (to curdle), jiġifieri li l-ħalib jinferaq fi tnejn; parti minnu tagħqad u l-parti l-oħra ssir ilma. Dik li tagħqad tissejjaħ BAQTA (curd), filwaqt li l-ilma jissejjaħ XORROX (whey). It-taħlita tissaffa mix-xorrox u l-baqta titqiegħed, ftit ftit, ġol-




QALEB jew QWIELEB (cheesforms, moulds), li jkun speċi ta' kannestru żgħir, dari magħmul mix-xitla tas-SIMAR (rushes), imma llum magħmul mill-plastik. Fil-qaleb il-baqta tkun tista' tkompli toqtor mix-xorrox, sakemm tibbies u tinbiegħ jew bħala ġbejna friska jew, jekk titħalla tinxef iktar u tintefa' ġol-bżar, tinbiegħ bħala ġbejna tal-bżar.

Mill-ġlud tal-mogħoż isiru ħafna ħwejjeġ tal-ġild, żraben u nforor għaż-żraben, u ngwanti.

IL-BODBOD (bdabad) hu r-raġel tal-MOGĦŻA (mogħoż). Il-frieħ tagħhom huma l-GIDI u l-GIDJA (gidien). Meta jinfatam u jkollu sena l-gidi jsir GĦENS (għenus) u l-gidja ssir GĦANIQA (għenieq). Xagħar il-mogħża jista' jkun ta' ħafna lwien differenti u kull lewn, jew taħlita ta' lwien, għandha isem għaliha:

Jekk tkun sewda u bajda: BELQA BL-ISWED, jekk ħamra u bajda: BELQA BL-AĦMAR, jekk sewda imma b'rasha u widnejha bojod: ŻUNNARA, jekk b'suf ħamrani: XAQRA, jew, skond il-ħmura li jkollha GĦASLIJA, jekk tkun ittikkjata: WIŻGĦIJA (tinqara wiżgħaja), jekk is-suf twil: MIDLIELA, jekk is-suf qasir ħafna: MILGĦUQA. Hemm mogħoż li jkollhom rashom sewda imma b'faxxi sofor taħt għajnejhom tul rashom kollha. Dawk jgħidulhom TAL-MEREK. L-għamliet tal-widnejn u tal-qrun ukoll kellhom ħafna ismijiet: Jekk mogħża jkollha l-qrun tkun: QARNA, jekk bla qrun: FARTASA, jekk widnejha kbar u mitnijin minn għonqha sa geddumha: TORKA, jekk widnejha sa nofs wiċċha: BARŻAKKA, jekk qosra u għall-ponta: GARRUWA, jekk widnejha iqsar minn ta' garruwa: MEJXA jew MONDIJA. Jekk il-mogħża jkollha widnejha mitnija (fi tnejn) jgħidu li għandha WIDNEJHA MŻIEWED. L-għamla tas-sider kienet ukoll tiġbed l-għajn. Sider sabiħ kienu jgħidu: DRIEGĦHA ROTA, sider ikraħ, miġbud 'l isfel: DRIEGĦHA FLIXKUN. Jekk sidirha jkun kbir tant li jkollha timxi qisha qed tqandel xi xkora tqila jgħidulha QANDLIJA, u jekk ikollha biżla iqsar mill-oħra MXATTRA. Xi kull tant issib mogħża li meta timxi tħabbat saqajha ta' wara ma' xulxin. Dik tkun mogħża XIKLIJA. Taħt għonqha l-mogħża jkollha żewġ denduliet li jissejjħu MSIELET (wattles).

Dari r-raħħal kien ilibbes IL-MAĦANQA jew ĦANNIEQA madwar għonq il-mogħoż favoriti tiegħu. Din kienet tkun mibruma minn xi ċraret ikkuluriti li dak li jkun kien isib minn hinn u minn hawn. Għallanqas mogħża waħda fil-merħla kien ikollha ĠARAS jew SANSALLU mdendel m'għonqha. Dan kien qanpiena magħmula mil-landa jew xi materjal ieħor li jagħmel il-ħoss.

Il-bodbod JINTAĦ jew jagħti bir-ras (to butt). Il-mogħża TWETWET (to bleat)

Il-mogħża ddum ħames xhur mir-REFGĦA (service) biex TILED (to give birth).

Il-ħmieġ tal-mogħoż jissejjaħ REDUS (crottels).

QABIL IS-SUF (Ovine Species)

In-nagħaġ jagħtuna l-laħam, il-ħalib u s-suf. Laħamhom jissejja LAĦAM TAL-ĦARUF (lamb). Meta kienu għadhom fl-istat naturali tagħhom, in-nagħaġ, għall-ħabta tar-rebbiegħa, kienu jwaqqgħu il-kisja suf li tkun kibritilhom biex issaħħanhom fix-xitwa. Imma n-nagħaġ li jrabbi l-bniedem illum, tilfu din il-karatteristika u sufhom m'għadux jaqa' waħdu meta jibda jisħon it-temp. Is-suf jibqa' jikber bla ma jaqa'. Allura kull sena, il-bniedem irid IĠIŻŻHOM (to shear), jiġifieri jqarwżilhom is-suf twil li jkollhom. Għalkemm daż-żmien kollox isir bl-

elettriku, l-għodda tradizzjonali li biha iġġiżż in-nagħaġ hi bħal imqass kbir li jissejjah IL-ĠELEM (shears). Min ikun tas-sena jista' jġiżż in-nagħġa u jħalli s-suf f'biċċa waħda li tissejjah ĠEŻŻA (fleece). Wara li jinħasel, is-suf JINTGĦAŻEL (to spin) bil-marden, jiġifieri jinġibed biex isir ħajt irqiq. Il-ħajt tas-suf jinħadem fuq IN-NEWL (loom) biex isir drapp.

IL-MUNTUN (imtaten) jew KIBX (kbiex) hu r-raġel tan-NAGĦĠA (nagħaġ). Il-frieħ tagħhom huma l-ĦARUF u l-ĦARUFA (ħrief). Meta l-ħaruf jinfatam u jkollu sena jsir GĦABUR u l-ħarufa ssir GĦABURA (għabajjar).

In-nagħaġ, bħall-baqar u l-mogħoż, JIXTARRU l-ikel (to ruminate/chew the cud). In-nagħġa għandha l-ħila tiekol ħafna ikel f'ħin qasir. Meta tistrieħ, l-istonku jerġa' jtella' l-ikel nofsu mogħmud biex in-nagħġa terġa' tomogħdu sewwa. B'dal-mod, l-istonku jkun jista' jieħu aktar sustanzi mill-ikel.

In-nagħġa jkollha sitt SINNIET (incisors) u żewġ NEJBIET (canines) fix-XEDAQ t'isfel (lower jaw). Fix-xedaq ta' fuq ma jkun hemm la snien u lanqas nejbiet. Is-sitt sinniet t'isfel jagħfsu fuq il-ħanek ta' fuq, biċċa ħanek bla snien li tissejjah IL-QARRIEMA. Annimal bħal m'huwa l-baqra, IQARTAM il-ħaxix (to crop), jiġifieri jigdem u jaqta' l-ħaxixa imma jħalli biċċa 'l fuq mill-ħamrija. Imma n-nagħġa, li għandha xoffitha maqsuma, tista' TQARRAM (to gnaw off) il-ħaxixa s'isfel nett, sal-ħamrija. Fiż-żewġt ixdqa, ta' fuq u t'isfel, ikun hemm għoxrin DARSA (molar): ħamsa fuq kull naħa fix-xedaq ta' fuq; u ħamsa fuq kull naħa fix-xedaq t'isfel.

In-nagħġa ddum ħames xhur mir-REFGĦA (service) biex TILED (to give birth).

Il-ħalib tan-nagħġa hu inqas miljiem, jiġifieri fih inqas ilma, mill-ħalib tal-baqra. Jintuża għall-ġbejniet. L-istess bħal fil-każ tal-mogħoż, jintefa' it-tames (meħud mill-istonku ta' ħaruf) li jifred il-ħalib f'xorrox u baqta.

Il-muntun (jew Kibx) JINTAĦ jew jagħti bir-ras (to butt). In-nagħġa TNEQNEQ jew TINBEE (to bleat)

Il-muntun u n-nagħġa jilbsu l-MAĦANQA jew ĦANNIEQA. Nagħġa li jkollha s-suf qasir tissejjah: ĠAGĦDRIJA jew ĠARDA. In-nagħġa TREDDES, bħal-mogħża. Jiġifieri il-ħmieġ tagħha jisejjah REDUS, bħall-ħmieġ tal-mogħża. Imma xi kultant, skond l-ikel li tiekol, il-ħmieġ tal-nagħġa ma jkunx waħda waħda bħar-redus, imma jkun mibni minn aktar minn redusa waħda magħqudin flimkien. Dan jissejjah KAGĦBUR.

---

Fanal dejjem jolqot il-għajn, ikun fejn ikun, minħabba d-dawl qawwi li jitfa' fi tberriqa, matul il-lejl u matul il-jum u bl-istruttura tiegħu. Fin-naħa t'isfel ta' Malta naraw il-Fanal ta' Dellimara, fil-qrib tal-port u d-daħla ta' Marsaxlokk, f'tarf il-peninsula tawwalija ta' Dellimara.

Darba, fin-"Namru Station" għand Karmnu Xuereb, in-Namru l-għannej (ġo Detroit), waqt li konna miġburin hemm, id-diskursata tagħna waqgħet fuq dan il-Fanal. Tassew li dan hu magħruf ħafna, mhux biss minna l-Maltin, imma wkoll minn baħħara li jbaħħru fil-qrib u madwar il-gżejjer tagħna.

Kien hemm wieħed fostna, ċertu Ġużeppi Duca minn Bir id-Deheb, raġel imdaħħal fiż-żmien; dan kien ilu ħafna snin jgħix ġol-belt ta' Detroit (Michigan), l-Amerka, fejn kien emigra f'żgħożitu minn qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija. Kien sajjied, u għalhekk kien jinżel ix-Xatt (Marsaxlokk għaż-Żwieten u għal uħud minn Bir id-Deheb), u dan kien qalilna din l-istrofa ta' għanja li baqa' jiftakar minn tfulitu:

**Il-Fanal ta' Dellimara / Ta' kull lejl jixgħel sabiħ;**
**Tisthajlu qisu mnara / Fuqha jixgħel il-musbieħ.**

Mela darba fost l-oħrajn wasalt wasla s'għand in-Namru (ġo Detroit) u sibtu qiegħed fil-ġardina li kellu mad-dar, jedha waħdu u jgħanni waqt li kien qalb ix-xitel u s-siġar. Minn dak li kont qed nisma', kien qed jgħanni għanja dwar il-Fanal ta' Dellimara. Min jaf x'nebbħu jgħanni dan! U x'kienu l-ħsibijiet għaddejjin dak il-ħin! Wisq naħseb li kien qed jiftakar f'dawk iż-żminijiet ta' żgħożitu, nhar il-Festa ta' San Girgor, f'xi lejla ta' għana f'Marsaxlokk. Dak iż-żmien kien daqsxejn ta' raħal bi ftit djar ta' sajjieda foqra madwar id-Daħla ta' Sant' Andrija. U mbagħad fid-dalma tal-lejl kien jitlaq ċeklem lura, ma' xi ħbieb fuq karrettun lejn il-Fgura fejn kien joqgħod. Dak iż-żmien il-Fgura kienet kollha għelieqi u raba' għammieli u rziezet imxerrdin 'l hawn u 'l hinn. In-Namru kien tabilħaqq imqanqal dak il-ħin minn ħsibijiet ta' nostalġija. Fuq kollox dan hu l-folklor; ħafna drabi mqanqal minn nostalġija ta' żmien passat li ma narawhx iżjed!

Ftit wara, n-Namru daħal ġewwa fil-kċina u jien dħalt miegħu; qalli: "Anġ, aqbad lapes u karta ħalli tniżżel din l-għanja". Kienet dwar "Il-Fanal ta' Dellimara".

Din ma kinetx l-ewwel darba li kien joqgħod jiddettali xi għanja waqt li kont innizżel dak li jgħanni.

Ta' min isemmi li daż-żmien, il-Fanal ta' Dellimara, bini pittoresk u romantiku għalina l-Maltin, poplu tal-baħar, mgħadux aktar jiffunzjona; ix-xogħol tiegħu qdieh; x'aktarx li jsir mużew u fih ikun hemm il-magni oriġinali. Daż-żmien hemm jaħdem floku, fuq daqsxejn ta' struttura, aktar lejn il-ponta ta' dik il-peninsula, fanal modern (lanterna) li jitfa raġġi qawwija bid-dawl elettriku ta' żewġ leħħiet bojod kull darba. Il-fanal jibqa' fil-memorja biss, tifkira tiegħu l-leħħiet, waħda bajda u oħra ħamra. L-għanja tan-Namru tibqa' tifkira ta' dak il-Fanal romantiku fil-folklor tagħna.

**Il-Fanal ta' Dellimara**

(Għanja ta' Karmnu Xuereb - In-Namru)

**l-Fanal ta' Dellimara / Jixgħel ta' kull filgħaxija,**
**Malli jidlam lilu tara / Jitfa' raġġ ta' dawl u dija.**

**Malli jidlam lilu tara / Fuq il-għolja fejn hu qiegħed,**
**Jitfa' raġġi fuq il-baħar, / Juri t-triq għal min hu mbiegħed.**

**Tofroq sfiq dik id-dalma / Leħħa tiddi u bajdana,**
**B'oħra ħamra tleħħ warajha, / L-ilwien sbieħ ta' Malta tagħna!**

**Lill-blat ta' Bengħisa jdawwal, / L-iskoll aħrax tat-Taqtigħa,**
**F'baħar iswed jifrex rotta / U bid-dawl tiegħu juriha.**

**Raġġ fuq wiċċ il-baħar jilma / Ħalli d-dħul tal-bajja juri,**
**Fejn il-kenn u wens isibu, / Lill-kajjikki u lill-vapuri.**

**Merżuq wieħed wara l-ieħor, / Mill-Fanal ta' Dellimara,**
**F'port ta' baħar kalm jistkennu / Is-sajjieda w il-baħħara.**

**Sew ma' nżul ix-xemx il-ħidma / Jibda jitfa' raġġ fiddieni,**
**U matulek il-lejl kollu / Sa ma jżernaq kmieni kmieni.**

**Ta' bla heda dija ħelwa / Ta' kull lejl li minnu tara**

**Jiddi b'raġġi fl-għoli għoli / Il-Fanal ta' Dellimara.**

(Detroit 1974)

Din il-Via Sagra Versata (jiġifieri għamla ta' poeżija) kienet tgħidha u għallmithieli nannti Lukarda, meta kelli xi erba' snin. Konna ngħiduha bl-amment kuljum! Maż-żmien jiena nsejt xi vrus, u għalhekk għamilt ħilti biex naħseb kif setgħu kienu fl-oriġinal. Il-versi minsija hawn huma immarkati b'asterisk (*).

I *Ġesù kkundannat għall-mewt.*

**Jekk għall-mewt ikkundannajt / Lis-Sultan minn tal-qdusija,**
**Iddew għidli, o Pilatu / Liema kienet fih il-ħtija?!**
**Għax jekk huwa mhuwiex ħati, / Int bħal ħati wrejtu 'l-Lhud;**
**Għal d'il-ħtija hekk sabiħa / Li kont nista' biha mmut!**

II *Ġesù jerfa' s-Salib.*

**Kif Ġesu . . . . . is-Salib lemaħ (*) / Fetaħ hemm id-dirgħajn Tiegħu!**
**Bil-ferħ beda jgħannqu, jbusu, / u bil-qalb iħaddnu Miegħu!**
**Iżda l-kiefra manigoldi / Ħatfuhulu minn idejH!**
**U b'ħruxija li ma bħalha / Xeħtuhulu fuq spallejH! (*)**

III *L-Ewwel Waqgħa.*

**Ta' l-imrar it-telgħa tidher, / Ġesù mbikki din jilmaħha,**
**Għaliex jaf illi għalxejn / Għal xi wħud Hu se jitlagħha!**
**U għal dan il-ħsieb hekk qawwi / Qalbu nqasmet; bi kbir skoss**
**Fl-art imwaqqa' fis jiġġarraf; / Ma' kull daqqa l-mewt iħoss!**

IV *Ġesù jiltaqa' ma' Ommu.*

**It-tnehid u l-biki nisma' / Ta' dik l-Omm maħbuba Tiegħu.**
**Qalb il-ġemgħa ta' nies tiġri / Sabiex hemm tiltaqa' Miegħu!**
**Nisma' jien tislima ħelwa / Ħierġa dlonk mill-ħelu Fommu;**
**Id-dulur li Hu ħass f'qalbu / Fil-kliem tiegħu kien iżommu!**

V *Xmun minn Ċirine jerfa' s-Salib ta' Ġesù*

**Jekk tal-pwieni ħorox Tiegħek / Lili ħati biss issib,**
**Ma kellux, iċ-Ċirinew, / Jerfa' Miegħek is-Salib!!**
**Għal kulħadd stajt jiena waħdi / B'Salib aħrax ingħabbik,**
**U għajnuna biss ta' wieħed / Qatt ma nista' le nagħtik!!**

VI *Il-Veronika timsaħ Wiċċ Ġesù.*

**Kien imħabba d-dulur Tiegħek / F'dak il-Wiċċ kollu qdusija!**
**Għax il-pwieni hena kienu; / Dana kollu mħabba fija!**
**Mela x'tagħmel fis-smewwiet / Jekk f'maktur wiċċek ħallejt**
**Fost ix-Xbieha kollha dmija, / Il-ġmiel Tiegħek kollu wrejt!!**

VII *It-Tieni Waqgħa*

**Min iġib id-Dinja f'Idu / Fl-art imwaqqa' jien naraH!**
**O Smewwiet, liema kefrija. . . / Li għajnuna ħadd ma taH!!**
**Jekk il-bniedem ħati jaqa' / Hawn Ġesu', għajnuna jtih!**
**Imma għal dan Ġesù fid-dinja / L-ebda ħniena hemm għaliH!!**

VIII *In-Nisa ta' Ġerusalemm*

**Xejn uliedi tibku iżjed / Fuq daw' l-Pjagi, da' d-dulur!**
**Iżda ħarsa fuqkom agħtu / Biex id-dmugħ jinżlilkom żgur!!**
**Da' d-dulur erfgħuh, o nisa; / Dan il-biki, dan il-hemm,**
**Meta mħarbta taraw intom / Din il-belt, Ġerusalemm!!**

IX *It-Tielet Waqgħa.*

**Qalb il-Lhud u l-manigoldi / Taħt it-toqol Ġesù ġġarraf!**
**Iżda ħadd minn ta' madwaru (*) / Li biex jgħinu idu tarraf!! (*)**
**Hanin iżjed mill-bnedmin / Haġar samm nixtieq narak,**
**Li mort tfixkel dawk il-passi / Ta' Min ħalqek u kkmandak!**

X *Ġesù mneżża' minn Ħwejġu.*

**Jekk il-Velu fl-Arka Mqaddsa / Ma naf illi tnażża' qatt!**
**W ALLA Nnifsu ta' din l-Arka / Mnażża jidher minn kulħadd!!!**
**U jekk jgħattu ma jafux! / Din il-għera fuqeK ġiet!**
**Għid Sinjur x'inhuma jagħmlu / l-Anġli Tiegħek fis-Smewwiet?!**

XI *Ġesù msammar mas-Salib.*

**Jien nilmaħ għuda ħarxa (*) / Dan Ġesù mixħut għaliha!**
**L-ewwel daqqa li jistenna / Fl-Id b'musmar imdaħħal fiha!**
**U ġo dawk l-Idejn Imqaddsa / Hekk bla qies ifflaġellati! (*)**
**Mingħajr ebda ftit tal-ħniena / Daqqiet nisma' l-martellati!!**

XII *Ġesù jmut fuq is-Salib.*

**Ma tistax ix-xemx li tara / Il-mewt ħarxa tas-Sinjur!**
**Hi staħbiet ġo dalma kbira / Fiha wriet l-ikbar dulur!**
**F'dak il-waqt id-dinja triegħdet (*) /Fl-Art Imqaddsa l-velu jmur**
**U sa l-eħrex ħaġar beka / Din il-Mewt tar-Redentur!!**

XIII *Id-Duluri*

**Mis-Salib lill-Iben qalgħu / Telaq hemm id-dirgħajn Tiegħu!**
**U dik l-Omm fi ħdanha tilqgħu / Mejjet; w hi titgħannaq Miegħu!**
**Qalbha ħarġet minn għajnejha / Bi dmugħ qawwi bdiet tibkiH!**
**Dak il-Wiċċ kiesaħ bdiet tbusu / U ma' qalbha tistrinġieH !!!**

XIV *Ġesù Midfun*

**O għażiż Qabar ta' Kristu / Illi mejjet jinsab fik;**
**Qabel Huwa ma jirxoxta / Le nitħarrek, le nħallik!**
**Imbagħad ngħid lill-kiefra mewt, / Lilha ngħid u nerġa' ngħid:**
**O mewt għidli fejn tinsab / Ir-rebħa li ħsibt li wrejt!!**

(*Nota: Jekk xi qarrej jaf dawn il-versi, il-versi neqsin jew jekk tinsabx f'xi ktieb, mistieden jikteb lill-Editur.*)

---

**Kitbiet** għall "L-Imnara" għandhom ikunu riżultat ta' esperjenza jew riċerka oriġinali.
Editur: 78, Triq San Trofimu, Tas-Sliema, SLM 02

**Sħubija** fl-Għaqda Maltija tal-Folklor hija Lira Maltija fis-sena. Membri ġodda jħallsu żewġ liri l-ewwel sena biss biex ikopru r-reġistrazzjoni, u wara Lira fis-sena. Is-sħubija fil-Għaqda tinkludi "L-Imnara" mingħajr ħlas lill-membri, u ma tinbiegħx fil-ħwienet. Min irid "L-Imnara" irid jidħol membru. Kull ħlas għandu jmur BISS għand it-Teżorier, is-Sur J.F.Porsella-Flores, 69, Triq il-Palma. Paola. Lista tal-Membri Effettivi (dawk biss li jkunu ħallsu għas-sena kurrenti) tidher f' "L-Imnara".

---

*Nota Editorjali:* **Ħajr lis-Sur John Sciberras, membru tagħna, kittieb u għalliem tal-Malti, li ġentilment għoġbu jiċċekkja l-ortografija ta' l-artikoli li jidhru bil-Malti f'din il-ħarġa.**

---

In the same type of rock in which one finds the cart ruts one can also occasionally come across pairs of adjacent pans in the rock surface. In each pair one pan has the bottom at a higher level than that of the other, and a hole in the common partition connects them. This makes us assume that they were used for some process in which something was placed in the higher container, and a liquid subsequently flowed down into the lower one. These structures are old, possibly also prehistoric, but they are difficult to date in isolation, and may equally be more recent than one expects, Although they are man-made they appear to have started as naturally occuring ready-made eroded holes in the rock and later modified or adapted by hand.

At first sight they appear to fall entirely under the scrutiny of archaeologists, but there is such a thing as industrial archaeology, which is more compatible with our concerns, and which does not limit itself to prehistoric industries but also covers the investigation and recording of trades and crafts of the recent past.

I was stimulated to wtite this short communication after reading an article by Carol J. Jaccarini and Maurice Cauchi in *Melita Historica*[(1)] describing similar enigmatic pans at Mġarr ix-Xini, Gozo, and made reference to a set at il-Misqa of Mnajdra. Apart from these, I have seen a few sets in other localities, two or three of them on the rocks of Wardija, Malta, and photographed one of the latter sets in 1970.

In the above-mentioned article the authors rightly pointed out that if the pans were to be used just for separating a solid from a liquid, one pan would have sufficed, but there being two meant that the resultant liquid was retained and not allowed to waste. They therefore suggested several possible uses: pressing of grapes or olives, or dyeing of flax or fabrics. Although everything is possible, the probabilities are low, mainly because all these proccesses normally need more working space, a commodity these pans do not offer.

On consulting three or four resident countryfolk at Wardija in the 1970s, the older ones said that the pans were once used for the production of soft cheese (*ġbejniet*),They never saw it done, but their elders appear to have passed down the idea.

It is not improbable that these troughs were used for producing *ġbejniet*, because here the space needed was not as large as required for processing wine and dyes. The milk and added renin (or rennet) could have been placed in the higher pan, with the intervening hole plugged up, until it curdled, forming a consistent curd (*baqta*), separated from the straw-coloured liquid or whey (*xorrox*) [(2)]. The curd was later collected to form the soft cheese, and the whey was also retained. Our ancestors lived in poverty and nothing went to waste. Whey was often mixed with household foods and animal feeds, and some fishermen used it mixed with cheese-based bait, as that for the saddled bream (*kaħli*).

1. JACCARINI, CAROL J. & CAUCHI, MAURICE The Enigmatic Rock-cut Pans of Mġarr ix-Xini *Melita Historica* XII No.4 (1999) p.419-444
2. LANFRANCO, GUIDO Ħalib, Ġbejniet u Rkotta *L-Imnara* No. 18 (1994) p.5 and photo of a set of Wardija (18-V-1970) on p.9.



# THE CRICKET'S CAGE (NOT TO SCALE)

**Note:** This diagram by Angelo Dougall is in addition to his article "The Cricket's Cage" which appeared in "L-Imnara" No. 24, (2000) p.82-83.



## XOGĦOLIJIET TA' DAN L-AĦĦAR MINN MEMBRI TA' L-GĦAQDA TAL-FOLKLOR

**Anna Borg Cardona** Fit-*Treasures of Malta* No.21 2001 artiklu "Sights and Sounds of Nineteenth Century Valletta", verżjoni oħra tal-kitba tagħha "Some Nineteenth Century Street Cries" li deħeret f' *L-Imnara* 1998, imma llustrata bil-kulur.

**Joseph C. Camilleri** Bħas-snin ta' qabel, kiteb għadd ġmielu ta' artikoli f'diversi gazzetti u perjodiċi, li jittrattaw suġġetti varji, fosthom folkloristiċi.

**Ġuże' Cassar Pullicino** Fil-*Malta This Month* kellu kitbiet regolari ta' faċċata kull darba, dwar aspetti folkloristiċi.

**Ġuże' Chetcuti** L-aħħar tliet kotba tiegħu fis-sena 2000: "Antoloġija ta' Proża Maltija" ta' 677 paġna; "Poeżiji Miġburin 1930-2000", u "Ġrajjiet Mill-Ħajja ta' Kappillan" li kien deher għall-ewwel darba f'*Il-Qawmien* tal-1960.

**Angelo Dougall** Minbarra artikoli fil-ġornali, deheru wkoll kwotazzjonijiet b'referenza għalih f'kitbiet ta' ħaddieħor.

**Alfred Fenech** Organizza wirja b'għadd kbir ta' oġġetti li għandhom konnessjoni mal-mużika kemm f'Malta, kif ukoll barra. Il-wirja li ssemmiet "All That Music" saret mis-16 sat-30 ta' Settembru 2001, f' Iċ-Ċentru ta' L-Arti fi Triq Sir Luigi Preziosi f'Buġibba, taħt id-direzzjoni ta' "The Playhouse Gallery". Fid-19 ta' Marzu 2001 il-Membri tal-Għaqda tal-Folklor żaru il-kollezzjonijiet vasti tas-Sur Fenech, li hu s-segretarju ta' l-Għaqda tagħna, fid-dar tiegħu, u ħarġu sodisfatti ħafna.

**Ġużi Gatt** Kiteb diversi artikoli dwar l-istrumenti tal-mużika Maltin, (eż. The Sunday Times 1-X-2000 u 10-XII-2000). Ukoll xogħol mirqum dwar il-fuħħar fis-*Siġġiewi Brass Band and Festival Club* Festa 2001; qed iħejji pubblikazzjoni definittiva ta' xogħol "Qiegħda fil-Ponta ta' Lsieni" li ħareġ parzjalment u proviżorjament fl-1999 u li miegħu se jiżdiedu taqsimiet oħra, fosthom tal-fuħħar u l-bhejjem ta' l-irziezet u oħrajn.

**Joseph F. Grima** Ħareġ l-ewwel volum "Mill-Istorja Ta' Ħal Qormi" mill-kunsill lokali Qormi.(2001). Is-Sur Grima, segretarju ta' l-Għaqda Storika, ġa kien Editur ta' Ktieb ieħor li kien ħareġ dwar il-parroċċa ta' Ħal-Qormi (1984).

**Carol J. Jaccarini** Bħala ko-awtur ma' Maurice Cauchi kiteb studju "The Enigmatic Rock-Cut Pans of Mġarr ix-Xini" *Melita Historica* XII No.4 (1999).

**Guido Lanfranco** Kiteb diversi artikoli fil-gazzetti u programmi tal-festi dwar suġġetti folkloristiċi u storiċi. Reċentement ħarġu tliet kotba oħra minn tiegħu: "Ħxejjex Mediċinali u Oħrajn" (Media Centre) it-tieni edizzjoni (2000); "Mediċina Popolari ta' L-Imgħoddi" (Klabb Kotba Maltin (2001). "Drawwiet u Tradizzjonijiet Maltin" (PIN) (2001) fis-serje Kullana Kulturali. Dan l-aħħar ktieb ġie stampat ukoll f'edizzjoni oħra b'qoxra ratba b'disinn differenti. F'l-aħħar stadji tal-produzzjoni u stampar ta' dan il-ktieb il-figura 20 intilfet minn diversi paġni, għalhekk inħolqu żbalji f'xi numri fit-test u fir-referenzi. Hawn issibu lista ta' xi tiswijiet għal min għandu dan il-ktieb:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Paġna | 15 | linja | 20 | ċentimetru | issir | 20 ċentimetri |
| | 25 | | 17 | -VII-1993 | | 20-VII-1993 |
| | 36 | | 9 | 2 | | 220 |
| | | | 38 | 4-5 | | 204-205 |
| | | | 44 | 1 | | 120 |
| | | | 48 | 7 | | 207 |
| | 46 | | 4 | 193-2 | | 193-202 |
| | | | 4 | 199-7 | | 199-207 |
| | | | 6 | 4 | | 204 |
| | 53 | | 23 | -VII-1994 | | 20-VII-1994 |
| | 56 | | 35 | 7 | | 207 |
| | | | 41 | 13-,(00) | | 13-20, (2000) |
| | 64 | | 31 | -VII-1994 | | 20-VII-1994 |
| | 71 | | 6 | -VII-1994 | | 20-VII-1994 |
| | 76 | | 11 | 7 | | 207 |
| | | | 12 | 3-256 | | 203-256 |
| | 83 | | 6 | -IV-1994 | 20-IV-1994 | |
| | 92 | | 45 | 00 | | 2000 |
| | | | 48 | 00 | | 2000 |
| | 108 | | 9 | -I-1989 | | 20-1-1989 |
| | 121 | | 12 | 3 | | 320 |
| | | | 17 | 9 | | 209 |
| | | | 19 | 8 | | 208 |
| | | | 29 | (1994) | | (1994)20 |
| | | | 36 | 8 | | 208 |
| | 147 | | 9 | missirijiet | | ommijiet |
| | 148 | | 41 | 0, 3, | | 200, 203, |
| | 162 | | 15 | 15-VI-00 | 15-VI-2000 | |
| | 184 | | 10 | 3 | | 203 |
| | | | 19 | (00) | | (2000) |
| | 228 | | 32 | sena | | 20 sena |
| | 229 | | 2 | -III-1999 | 20-III-1999 | |
| | | | 22 | 8 | | 208 |
| | | | 39 | 18-; | | 18-20; |
| | 245 | | 15 | ta' skud | | ta' 20 skud |
| | 251 | | 39 | l-Isla III | (1991) L-Isla III | |
| | 253 | | 19 | II, | | II, 205-216 |
| | 254 | | 46 | "Maltese | "200 Maltese | |

**Franco Masini** Kiteb artikoli, fosthom: "Episcopal Heraldry in Gozo" *Sunday Times* (5-VIII-2000) u "Louis Farrugia 1901-1956" *Sunday Times* (18-III-2001).

**Ġorġ Mifsud Chircop** Kiteb diversi artikoli, fosthom "Ġorġ Zammit" fl-*Leħen l-Imperial*, Mellieħa, Festa 2000. Kien wieħed mill-għaxar kelliema fil-laqgħa tal-*Folklore Society,* Londra, f'Marzu 2001, fejn qara' dwar "Għerf u Umoriżmu Verbali". Kellu x'jaqsam ukoll din is-sena, fl-organizzazzjoni tal-Festival Nazzjonali ta' L-Għana.

**John Sciberras** Kiteb reċensjoni ta' *L-Imnara* 2000 (*Leħen is-Sewwa* 25-VIII-2001). Nirringrazzjawh talli ħa ħsieb idurilna ftit l-ortografija ta' l-artikoli bil-Malti ta' "L-Imnara"

**Joseph Vella Bondin** Wara li fl-2000 ħareġ il-ktieb tiegħu "Il-Mużika ta' Malta sa l-Aħħar tas-Seklu Tmintax", issa ħareġ ukoll it-tieni volum, din id-darba "Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin" (2001) fis-sensiela Kullana Kulturali (PIN).



**Uffiċjali tal-Kumitat tal-Għaqda Maltija tal-Folklor fl-okkażjoni taż-żjara f'Malta tas-S'na Karmen Mikallef Buħaġar, benefattriċi, fis-26-X-1999**
***Quddiem, xellug-lemin:*** **S'na Maria R. Pisani, S'na Karmen Mikallef Buħaġar, u Guido Lanfranco.** ***Wara:*** **Frans Farrugia, Louis Fenech, Alfred Fenech, Angelo Dougall, J.F.Porsella-Flores**

**Kopja ta' ittra ta' informazzjoni lill-Ministru Ta' L-Edukazzjoni dwar għaqdiet ta' festivals folkloristiċi internazzjonali**

9 ta' Mejju, 2001

L-Onor. Dr. Louis Galea,

Ministru ta' L-Edukazzjoni,

Il-Furjana, CMR 02

Onor. Ministru,

F'April 2001 kien hawn Malta għal ftit jiem, is-Sur Kari Bergholm president tal-Kunsill Internazzjoanli ta' l-Organizzazzjonijiet tal-Festivals Folkloristiċi u Tradizzjonali *(Conseil International des Organisations de Festivals de Folklore et d'Artes Traditionnels)* (CIOFF) li hemm imsieħba fih xi 80 pajjiżi; dan il-Kunsill jikko-ordina mal 250 attivita' internazzjonali fis-sena, u jirranġa wkoll biex gruppi magħrufin u ġenwini jipparteċipaw fil-festivals ta' xulxin.

F'appuntament miegħi fis-26 ta' April fil-Hotel Vivaldi, f'San Ġiljan, is-Sur Kari Bergholm ħajjarni biex l-Għaqda Maltija tal-Folklor tissieħeb magħhom, imma billi din l-Għaqda m'għandhiex ir-riżorsi meħtieġa, għedtlu li se ngħaddi d-dettalji lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni fejn dan l-aħħar twaqqfu fi ħdanu in-National Festivities Committee u in-National Folklore Commission li għandhom in-nies u il-mezzi meħtieġa.

Għalhekk hawn qed nibgħatlek kopji ta' l-informazzjoni li li għaddieli, biex jistgħu jitwasslu lil dawn iż-żewġ *boards.*

Filwaqt li nawguralek u nirringrazzjak ta' l-interess,

Għoddni dejjem tiegħek

(Guido Lanfranco)

*Pres. Għaqda Maltija tal-Folklor, 78, Triq San Trofimu, Tas-Sliema*

## GHAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR
## LISTA TA' MEMBRI EFFETTIVI GHAS-SENA 2001

**Presidenti Onorarji:**

Cassar Pullicino A.L.A. Ġużè, Bonnici Calì, Raf., Mikallef Buħaġar, Karmen

**Membri onorarji:** Verie, M'me Aurora

**Membri effettivi:**

Agius Muscat, Anton 64, Triq Borg Olivier, San Ġiljan STJ 08

Attard, Anton, "Sidtna Matija" Triq il-Qaliet, Wied il-Għajn ZBR 10

Bajada, Joseph, "Madonna Ta' Pinu", Vjal 8 ta' Settembru, Xagħra, Gozo 103

Bezzina, Mrs. Christine, 59, Triq Zekka, Valletta VLT 12

Bianchi B.Sc., Nicholas C., "Villa Fort", Triq Preca , Lija 04

Bonanno, Henry, 21 "Oħhrys", Triq Ġuże Cardona, Qormi QRM 08

Bonello, E., 52, Triq Bishop Labini, B'kara BKR 05

Bonnici Dip.Bus.Law & Acc., John A., "Marise" Flat 2, Old Railway Av. Balzan

Borg Cardona B.A.,L.T.C.L., Mrs. Anna, "Ċiklamina" Triq il-Qarċilla, Balzan BZN 07

Borg Cardona, Chris. H., "Dar Zanira", Balzan Valley, Balzan BZN 08

Caligari Conti, Donald, "Ta' Indri", Triq Sant'Andrija, Żurrieq ZRQ 06

Calleja, Frankie, "Tinkerbelle", Triq il-Kunvent., Żabbar ZBR 04

Camilleri B.A., Jos. C., "Ilqugħ", 32 Triq il-Muskatell, Attard BZN 04

Cassar B.A., M.Ed., Ph.D., Dr. George, 78, Triq Papa Piju XII, Mosta MST 05

Cassar, Lawrence, 24-25, Triq Zondadari, Rabat, Malta RBT 12

Cauchi, Mrs. Catherine, "The Cycads", Triq is-Sienja, Attard BZN 06

Cesare, Salv., 14, Triq Laqxija, B'kara BKR 03

Chetcuti M.O.M., Ġuże, "Żerniq", 8 Flat 10, Triq Għar il-Lenbi, Sliema SLM 16

Chircop Ph.D., Dr. John, 53, Triq Fikus, Żabbar ZBR 07

Ciantar, Ms. Josette, Flat 2, 2 Triq il-Kardinal, Birgu CSP 08

Cilia, George, 64, Triq San Vincens, Sliema

Cini, Joseph, "Merħba", Triq Leli Falzon, Naxxar NXR 04

Cini Hubert Flat 20, 19th March Court, Triq it-Turisti, S.Pawl il-Baħar SPB 06

Cremona, John, 54, Triq San Ġwann Bosco, Rabat, Għawdex VCT 104

Cuschieri, Carmel, "St. Mary", Triq Ross, San Ġiljan STJ 10

Debono, John, 63, Triq N. Cotoner, Lija, BZN 10

Deguara, Frans, 70 "Dediolanum", Triq Papa Piju XII, Mosta MST 05

Delicata, John, "Doris" 26, Triq Sir Anthony Micallef, Balzan BZN 08

Diacono, Mrs. Josephine, 9, Triq Agius Muscat, Żabbar

Dougall, Angelo, 76, Triq San Mikiel, Birżebbuġa, BBG 02

Ellul, Joe, 60, Triq S. Rokku, Qormi QRM 11

Ellul Galea, Karmenu, 32, Triq Tal-Borg, Paola PLA 06

Farrugia, Frans, "Mon Delice", Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq ZTN 13

Felice B.Ch.D., John, Krypton Chemists Triq Ta' l-Ibraġ St.Andrews STJ 13

Fenech, Alfred, "Grezz", Triq id-Dirsa, Attard BZN 05

Fenech, Joseph M., "Massabielle" 7, Triq Mons. M. Azzopardi, Siġġiewi QRM 15

Fenech, Mrs. Martha, 26, Triq Ponsomby, Mosta MST 07

Galea M.D., Dr. Adrian, 8, Triq A.Buttigieg, Ħamrun HMR 04

Gambin, Kenneth, "Monserrat" Triq Gananton Tanti, Tarxien PLA 18

Ganado LL.D., Dr. Albert, 1, Triq M'Anton Vassalli, Valletta VLT 13

Gatt, Ġużi, 7, Block C, Perry Court, Triq Birkirkara, San Ġiljan SLM 13

Grech, Sergio, 1, Wesgħa 5 ta' Ottubru 1974,Żejtun ZTN 04

Griffiths M.D., F.R.C.S., Prof. V., 7, Palm Str., San Ġiljan STJ 12

Grima, Arthur, 129, Triq San Mikiel, Birżebbuġa BBG 02

Grima B.A., M.A., Joseph F., "Kosi Kot", Triq Ġuże Ellul Mercer, Qormi QRM 06

Grixti, Raymond, "The Winds" , Triq Clematis, Santa Luċija PLA 10

Guillaumioer, Alfie, 12, Triq Villambrosa, Ħamrun HMR 06

Jaccarini M.D., F.R.C.P., D.CH., Dr.C.J., "Dovedale", Garden Crescent, The Gardens, St.Julians STJ 12

Lanfranco, Guido 78, Triq San Trofimu, Tas-Sliema SLM 02

Lia B.Ed.,(Hons.), B.A., Mrs. Carmen, 18, Main Str., Żabbar ZBR 02

Magri-Naudi, Mrs. Magda, "Torsance", 5 Triq Karlu Darmanin, Lija BZN 14

Mallia A.C.I.B., A.C.I.S., F.I.Met.,"Is-Sebuka",Triq Ta' Marmora, San Ġwann SGN 07

Masini L.P., Franco, "Cittadella", Triq il-Linja, H'Attard BZN 05

Micallef, Joe 1 / 4, Triq Norfolk, Tas-Sliema SLM 08

Mifsud, Mrs. Rita, 230 "Casa d'Amore", Constitution Str. Mosta MST 03

Muscat, Mrs. Victoria, "Il-Musbieħ", Valley Road, Msida MSD 03

Pace, Tony, "La Traviata" Triq Dun Karm, L-Iklin BZN 11

Pellegrini B.A., LL.D., Dr.F., "Sonata", Triq Tal-Mirakli, Lija BZN 10

Pisani, Maria R., 194, Triq San Pawl. Valletta VLT 02

Pisani B.A.,LL.D.,L.P., Dr.Paul George, 40c, Main Gate Str.,Victoria, Gozo VCT 103

Porsella Flores, J.F., 69, Triq il-Palma, Paola PLA 03

Puli, M.Q.R.,, Ms. Mary, 52, Triq Sant' Agata, Tas-Sliema SLM 07

Ragonesi, Ms. Anita, "The Oasis" Flat 6, Birkirkara Hill, San Ġiljan STJ 09

Risso, Capt. R., "Mon Fleur", Triq Sant' Antnin, San Ġwann SGN 04

Saliba, Raymond, 81, Triq Giovanni Barbara, Ħamrun HMR 05

Sammut, Julian, 79, Triq Tall-Grazzja, Ħaż-Żebbuġ ZBG 04

Sammut Testaferrata M.A., M.Phil., Jos.,"Demaris",Triq Lascaris, Qawra Point SPB 05

Sarè, John Charles, 166, Triq Rudolphu, Tas-Sliema SLM 02

Schembri, Anthony, "Renton", Triq Ħaż-Żabbar, Fgura

Schembri A.F.M., Lt. Col. Mario, Block B Flat 4, Triq Bellavista, San Ġwann SGN 03

Schembri, Vincent, "Orestin", Triq L-Għarnuq, Fgura PLA 14

Sciberras, John, "April", Triq il-Knisja l-Qadima, Birkirkara BKR 12

Sciberras, Joseph, "Stefanotis", Triq il-Knisja L-Qadima, Birkirkara BKR 12

Scicluna, John C., "Casa Scicluna", 18, Triq Robert Sammut, Tal-Virtu, Rabat RBT 09

Sejchell, Charles, "Il-Qannata", Triq L-Arkibusier, Żejtun ZTN 07

Soler, Albert, "Villa Maria", Triq Iż-Żerniq, Tal-Qattus, Birkirkara BKR 13

Spiteri Maempel, Mario, "Marvik", Triq l-Imdina, Ħal Balzan BZN 07

Tabone, Michael, "L-Għorfa tal-Fuklar", Triq Ħal-Far, Żurrieq,ZRQ 06

Tanti, Joe M., "The Greenfields", Triq L-Inkwina, Santa Venera HMR 07

Testaferrata Bonici, Marquis J.P., 36, Triq il-Kbira, Ħal Lija BZN 10

Vella Bondin, Joe, 54, Triq il-Parroċċa, Santa venera HMR 18

Zahra, Lorenzo, "San Lorenzo", 18 Triq Zerafa, Marsa HMR 03

Zahra, Vincent, 18/1 Block C, Triq Sophia, Cospicua CSP 02

Zammit, Mrs. Caroline, "Casa Zammit", Triq Mons. A. Mifsud, Ta' Xbiex MSD 11

Zammit Maempel M.Q.R., D.Sc., M.D., Dr. G.,, 148, Triq San Franġisk, Ħal Balzan

Zarb, Ms. Marie Clair, 2, Planet Court, Tigne Sea Front, Tas-Sliema SLM 15

Zerafa, Mrs. Lina, 45 Triq Idmejda, Ħal Balzan BZN 06

*"L-Imnara" nibagħtuha wkoll: liIl-Librererija Nazzjonali (Valletta), Librerija Nazzjonali (Għawdex), Librerija ta' L-Universita ta' Malta (Tal-Qroqq), Librerija Pubblika (Furjana), Arkivji Nazzjonali (Rabat), Librerija tal-Mużew Nazzjonali ta' L-Arkeoloġija (Valletta), Librerija tal-Mużew Nazzjonali ta' L-Etnografija (Birgu).*

Kumitat Għaqda Maltija tal-Folklor 2001

| | | | |
|---|---|---|---|
| *President:* | Guido Lanfranco | *Viċi Pres.:* | Maria R. Pisani |
| *Segretarju:* | Alfred Fenech | *Ass.Segr.:* | Angelo Dougall |
| *Teżorier:* | J.F.Porsella-Flores | *Ass.Też.:* | Joseph Fench |
| *Membri:* | George Cilia, Frans Farrugia, Lina Zerafa | | |

***Editur:*** **Guido Lanfranco** ***Awditur:*** **Alfred Mallia**

L-Għaqda Maltija Tal-Folklor ngħaqdet ma' korpi oħra biex pubblikament turi stmerrija dwar l-att vandalu fuq it-tempji ta' L-Imnajdra fit-13-IV-2001.
*(Fost oħrajn ara The Times 1-V-2001, Il-Mument 6-V-2001)*

# STATUT TA' L-GHAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR
kif ġie amendat u approvat fil-Laqgħa Ġenerali tas-6 ta' Frar, 1995.

1. **Isem**
L-isem tal-Għaqda jkun GĦAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR (Malta Folklore Society). (minn issa l-quddiem, f'dan l-Istatut tissejjaħ GĦAQDA)

2. **Indirizz postali**
Sakemm l-GĦAQDA ma jkollhiex sede uffiċjali, l-inidirizz ikun c/o ta' dak li jkun Segretarju fis-sena kurrenti.

3. **Għanijiet**
a) Biex il-Folklor Malti jiġi mħares, jiġi aktar magħruf u inkoraġġit fil-forma tradizzjonali tiegħu, fejn hu possibbli.
b) Biex tippromovi l-Folklor Malti permezz ta' taħditiet, xandir, wirjiet, publikazzjonijiet, eċċ.
c) Biex tinkuraġġixxi riċerka u studju tad-drawwiet u tradizzjonijiet u manifestazzjonijiet oħrajn Maltin, oriġini u żvilupp tal-għana, żfin , mużika u lbies popolari u taqbil ma' dawk ta' artijiet oħrajn.
d) L-GĦAQDA tkun strettament mingħir xejriet politiċi.

4. **Membri**
a) Kull min għandu għal qalbu l-interess tal-Folklor jista' jissieħeb fil-GĦAQDA.
b) Biex wieħed ikun membru għandu jħallas żewġ liri fl-ewwel sena, u lira Maltija kull sena oħra bħala sħubija. Din ir-rata tista' tiġi riveduta u mibdula skond il-bżonn, f'Laqgħa Ġenerali, b'avviż minn qabel fuq l-aġenda. Min ma jħallasx is-sħubija jitqies li mhux membru effettiv għal dik is-sena. Min ikompli jonqos li jħallas, ukoll wara li jkun avżat bil-miktub, jista' jinqata' mill-lista tal-membri.
c) Jekk membru ikun ta' dannu għall-GĦAQDA jew għall-interessi tagħha, jiġi sospiż jew jitneħħa mill-lista tal-membri, b'deċiżjoni tal-Kumitat.
d) Il-Kumitat jista' jagħżel Presidenti Onorarji, u joħloq klassijiet oħra ta' sħubija.
e) L-GĦAQDA tista' tiftaħ fergħat.

5. **Kumitat Amministrattiv**
a) Waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali jiġu nominati u eletti disa membri biex jiffurmaw il-Kumitat.
b) Il-Kumitat iservi għal sena sakemm jiġi xolt fil-Laqgħa Ġenrali Annwali li jmiss.
c) Il-Kumitat ikun magħmul minn President, Segretarju, Teżorier, Viċi President, Assistent Segretarju u Assistent Teżorier. Ikun hemm ukoll tliet Membri. Dawn kollha jkunu nominati u eletti waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali minn Membri effettivi. Il-karigi tal-Kumitat jiġu deċiżi ,minnhom stess waqt l-ewwel laqgħa tal-Kumitat li ssir wara l-Laqgħa Ġenerali Annwali.
d) Il-Kumitat jiltaqa" skond il-bżonn, iżda mhux inqas minn darba kull xahrejn.
e) Il-kworum għall-laqgħa tal-kumitat ikun mhux inqas minn ħames Membri, jekk dan il-kworum ma jintlaħaqx, il-laqgħa tista' ssir xorta waħda wara kwarta, basta jkun hemm preżenti tliet Membri tal-Kumitat, wieħed minnhom Uffiċjal.
f) Jekk Membru tal-Kumitat ma jattendix għal tliet darbiet wara xulxin mingħajr ma javża, jitqies li rriżenja mill-Kumitat.

g) Jekk Membru tal-Kumitat iħalli l-kariga tiegħu, minn floku tinħatar dik il-persuna, li fil-votazzjoni ta' l-aħħar Laqgħa Ġenerali Annwali tkun imissha, wara li nħatar il-Kumitat kurrenti. Jekk dan ma jkunx possibbli, il-Kumitat jista' jaħtar lil xi persuna oħra minn fost il-Membri Effettivi.

6. **Dmirijiet ta' l-Uffiċjali**

a) Il-President jara li jintlaħqu l-għanijiet tal-GHAQDA u li x-xogħol isir skond l-Istatut. Imexxi kull laqgħa tal-GHAQDA. Jagħmel indirizz fil-Laqgħa Ġenerali Annwali.

b) Is-Segretarju jżomm il-minuti ta' kull laqgħa, iżomm rekords tal-attivitajiet kollha u tal-korrespondenza tal-GHAQDA. Iżomm lista aġġornata tal-Membri. Isejjaħ il-laqgħat skond kif jiġu deċiżi mill-Kumitat, iħejji rapport annwali.

c) It-Teżorier jieħu ħsieb il-fondi tal-GHAQDA u jħejji rapport annwali bir-rendikont finanzjarju.

d) Il-Viċi President, l-Assistent Segretarju u l-Assistent Teżorier, jagħmlu l-istess xogħol tal-uffiċjali rispettivi jekk dawk ma jkunux preżenti, u jgħinuhom fix-xogħol tagħhom.

e) L-Editur tal-publikazzjonijiet tal-GHAQDA mhux bilfors li jkun membru tal-Kumitat jew Membru Effettiv, iżda f'xogħlu huwa obbligat li jżomm mal-għanijiet tal-Istatut tal-GHAQDA, u jirrifletti biss ir-rieda tal-Kumitat.

7. **Laqgħa Ġenerali Annwali**

a) Il-Laqgħa Generali Annwali għandha ssir kemm jista' jkun kmieni fil-bidu tas-sena l-ġdida, matul l-ewwel xahrejn tas-sena. L-aġenda għandha tinkludi (i) minuti tal-Laqgħa Ġenerali li tkun saret qabel. (ii) Indirizz mill-President. (iii) rapport tas-Segretarju. (iv) rapport finanzjarju ffirmat mill-Awditur li jkun intagħżel fil-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' qabel. (v) ħatra ta' "chairperson" u persuni oħra biex imexxu l-elezzjoni tal-Kumitat il-ġdid. (vi) nominazzjonijiet u votazzjoni għall-Kumitat il-ġdid. (vii) nominazzjoni ta' Awditur għas-sena kurrenti.

b) Il-kworum għal-Laqgħa Ġenerali ikun ta' nofs il-Membri Effettivi; jekk dan ma jintlaħaqx, il-laqgħa tibda nofs siegħa wara.

c) Tista' tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja mill-Kumitat, jew minn għaxar Membri Effettivi.

8. **Tibdil fl-Istatut**

a) L-Istatut jew partijiet minnu jistgħu jinbidlu biss b'deċiżjoni ta' Laqgħa Ġenerali wara li l-Membri Effettivi ikunu rċevew, mill-inqas sa jumejn qabel, kopja tat-tibdil propost.

9. **Xoljiment**

a) Jista' jsir xoljiment tal-GHAQDA biss b'deċiżjoni ta' Membri Effettivi waqt laqgħa msejħa apposta.

b) Jekk l-GHAQDA ikollha xxolji, (i) id-dokumenti tal-GHAQDA jmorru fl-Arkivju Nazzjonali. (ii) jekk ilkollha ġabra jew librerija ta' kotba, dawn imorru fil-Librerija Pubblika Nazzjonali. (iii) flus li jappartjenu lill-GHAQDA imorru f'xi Istitut. (iv) jekk ikun hemm oġġetti folkloristiċi proprjeta' tal-GHAQDA, dawn imorru għand id-Direttur tal-Mużewijiet Nazzjonali. Dawn il-miżuri jittieħdu b'Att Notarili.

---